# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 320

Volum 62

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni 11 ta' Diċembru 2019


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **REGOLAMENT (UE) 2019/2115 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-27 ta' Novembru 2019 li jemenda d-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 596/2014 u (UE) 2017/1129 fir-rigward tal-promozzjoni tal-użu ta' swieq tat-tkabbir tal-SMEs** ([1]) ..................... 1


II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2116 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistipula l-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli madwar l-Unjoni u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1979** ([1]) ..................... 11

★ **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2117 tad-29 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom** ..................... 13

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2118 tal-10 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1693 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjoni ta' roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina** ..................... 115


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2119 tal-21 ta' Novembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, b'rabta mal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-limiti għall-iskart tal-merkurju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) ta' dik il-Konvenzjoni** ..................... 117


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2120 tal-24 ta' Ġunju 2019 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.33078 (2015/C) (eks 2015/NN) implimentata mill-Belġju affavur JCDecaux Belgium Publicité** *(notifikata bid-dokument C(2019) 4466)* ([1]) ..... 119

---

Rettifika

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1198 tat-12 ta' Lulju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036** (ĠU L 189, 15.7.2019) ..... 159

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2019/2115 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-27 ta' Novembru 2019**

**li jemenda d-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 596/2014 u (UE) 2017/1129 fir-rigward tal-promozzjoni tal-użu ta' swieq tat-tkabbir tal-SMEs**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-inizjattiva tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali tfittex li tnaqqas id-dipendenza fuq is-self mill-banek, li tiddiversifika sorsi ta' finanzjament ibbażati fuq is-suq għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kollha ("SMEs") u li tippromwovi l-ħruġ ta' bonds u ishma minn SMEs fi swieq pubbliċi. Kumpaniji stabbiliti fl-Unjoni li jfittxu li jiġbru kapital f'ċentri ta' negozjar qed jaffaċċjaw spejjeż ta' żvelar u ta' konformità ta' darba u kontinwi għoljin li jistgħu jiskoraġġixxuhom milli qatt jfittxu ammissjoni għal negozjar f'ċentri ta' negozjar tal-Unjoni. Barra minn hekk, ishma maħruġin minn SMEs f'ċentri ta' negozjar tal-Unjoni għandhom it-tendenza li jbatu minn livelli aktar baxxi ta' likwidità u minn volatilità ogħla, u b'hekk jżidu l-ispiża tal-kapital u jagħmlu dak is-sors ta' finanzjament wisq oneruż. Politika orizzontali tal-Unjoni għall-SMEs f'dak ir-rigward hija b'hekk essenzjali. Tali politika jeħtieġ li tkun inklużiva, koerenti u effettiva u tikkunsidra l-varjetà ta' SMEs u l-ħtiġijiet differenti tagħhom.

(2) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ħolqot tip ġdid ta' ċentru ta' negozjar, is-suq tat-tkabbir tal-SMEs, subkategorija tal-faċilitajiet multilaterali tan-negozjar ("MTFs"), sabiex tiffaċilita l-aċċess għal kapital għall-SMEs u tippermettilhom jikbru, u wkoll biex tiffaċilita aktar żvilupp ta' swieq speċjalisti li jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet ta' emittenti tal-SMEs li għandhom potenzjal ta' tkabbir. Id-Direttiva 2014/65/UE antiċipat ukoll li "[g]handha tingħata attenzjoni partikolari għall-mod li bih regolamentazzjoni futura għandha tħeġġeġ u tippromwovi aktar l-użu ta' dak is-suq sabiex tagħmlu aktar attraenti għall-investituri, u tipprovdi tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u aktar inċentivi għall-SMEs biex ikollhom aċċess għal swieq tal-kapital permezz ta' swieq tal-SMEs li qed jespandu". Fil-fehma tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal dan ir-Regolament emendatorju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fakkar li l-livell baxx ta' komunikazzjoni u approċċi burokratiċi huma ostakli sinifikanti u li jrid isir ħafna iktar sforz biex jingħelbu dawk l-ostakli. Barra minn hekk, stqarr li n-naħa t'isfel tal-katina, l-SMEs stess, jenħtieġ li jiġu mmirati, billi jiġu involuti, fost l-oħrajn, l-assoċjazzjonijiet tal-SMEs, l-imsieħba soċjali, u l-kmamar tal-kummerċ.

([1]) ĠU C 440, 6.12.2018, p. 79.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019.
([3]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

(3) Madankollu, inġibdet l-attenzjoni li emittenti ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs jibbenefikaw minn relattivament ftit eżenzjonijiet regolatorji meta mqabblin ma' emittenti ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ f'MTFs jew swieq regolati oħrajn. Ħafna mill-obbligi stipulati fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) japplikaw bl-istess mod għall-emittenti kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom jew miċ-ċentru ta' negozjar fejn l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għall-kummerċ. Dak il-livell baxx ta' differenzjazzjoni bejn emittenti ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs u dawk f'MTFs oħrajn jaġixxi bħala diżinċentiv għall-MTFs milli jfittxu reġistrazzjoni bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs, li tidher mill-adozzjoni baxxa li kien hemm sa issa ta' statut bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs. Huwa għalhekk meħtieġ li jiddaħħlu mitigazzjonijiet addizzjonali proporzjonati biex jitrawwem b'mod adegwat l-użu tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs. Jenħtieġ li l-użu tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs jiġi mħeġġeġ b'mod attiv. Ħafna SMEs għadhom mhumiex konxji mill-eżistenza tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs bħala kategorija ġdida ta' ċentru ta' negozjar.

(4) Jenħtieġ li l-livell ta' attrazzjoni tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs jiġi rinfurzat bit-tnaqqis tal-kosti ta' konformità u tal-piżijiet amministrattivi li jkollhom l-emittenti ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs. Sabiex jinżammu l-ogħla standards ta' konformità fejn jidħlu swieq regolati, il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu limitati għal kumpaniji elenkati fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs, irrispettivament mill-fatt li mhux l-SMEs kollha huma elenkati fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs u mhux il-kumpaniji kollha elenkati fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs huma SMEs. Skont id-Direttiva 2014/65/UE, sa 50 % ta' emittenti ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs jistgħu jkunu kumpaniji mhux SMEs, sabiex tinżamm il-profittabbiltà tal-mudell tan-negozju tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs, fost l-oħrajn, permezz ta' likwidità f'titoli mhux tal-SMEs. Fid-dawl tar-riskji involuti fl-applikazzjoni ta' ġabriet differenti ta' regoli għal emittenti elenkati fl-istess kategorija ta' ċentru ta' negozjar, jiġifieri s-swieq tat-tkabbir tal-SMEs, jenħtieġ li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ma jkunux limitati biss għal emittenti tal-SMEs. Għal raġunijiet ta' konsistenza għall-emittenti u ċarezza għall-investituri, jenħtieġ li t-tnaqqis tal-ispejjeż għall-konformità u ta' piżijiet amministrattivi japplika għall-emittenti kollha ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs, irrispettivament mill-kapitalizzazzjoni tas-suq tagħhom.

(5) Is-suċċess ta' suq tat-tkabbir tal-SMEs jenħtieġ li ma jitkejjilx sempliċiment bl-għadd ta' kumpaniji elenkati fih, iżda pjuttost bir-rata tat-tkabbir miksuba minn dawk il-kumpaniji. Jeħtieġ li jkun hemm attenzjoni akbar fuq l-SMEs – fl-aħħar mill-aħħar il-benefiċjarji ta' dan ir-Regolament – u l-ħtiġijiet tagħhom. Is-simplifikazzjoni burokratika hija parti vitali minn dak il-proċess, iżda jeħtieġ li jittieħdu passi oħra. Jeħtieġ li jsiru sforzi biex titjieb l-informazzjoni li hi disponibbli direttament mill-SMEs dwar il-possibbiltajiet ta' finanzjament li jeżistu għalihom, sabiex jitrawwem l-iżvilupp tagħhom. Jenħtieġ li eżenzjoni regolatorja tkun għall-benefiċċju ta' kumpaniji iżgħar li jkollhom potenzjal ta' tkabbir.

(6) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jirriżulta meta persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u tiżvela dik l-informazzjoni lil kwalunkwe persuna oħra, ħlief meta l-iżvelar isir waqt it-twettiq normali ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet. Skont l-Artikolu 11 (4) ta' dak ir-Regolament, żvelar ta' informazzjoni privileġġata matul sondaġġ tas-suq huwa meqjus li jkun sar waqt it-twettiq normali ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet ta' persuna, sakemm ikun hemm konformità ma' ċerti proċeduri stabbiliti mir-reġim ta' sondaġġ tas-suq. Sondaġġ tas-suq jikkonsisti mill-komunikazzjoni ta' informazzjoni, qabel titħabbar tranżazzjoni, sabiex jitkejjel l-interess ta' investituri potenzjali fi tranżazzjoni possibbli u l-kundizzjonijiet marbuta magħha bħad-daqs jew il-prezz potenzjali tagħha, lil investitur potenzjali wieħed jew aktar. Matul il-fażi ta' negozjar ta' offerta ta' titoli lil investituri kwalifikati (allokazzjoni privata), l-emittenti jidħlu f'diskussjonijiet ma' numru limitat ta' investituri kkwalifikati potenzjali, kif definit fir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), u jinnegozjaw it-termini u l-kondizzjonijiet kuntrattwali kollha tat-tranżazzjoni ma' dawk l-investituri kkwalifikati.

L-għan tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni f'dik il-fażi ta' negozjar huwa li tiġi strutturata u titlesta t-tranżazzjoni fl-intier tagħha, u mhux li jitkejjel l-interess ta' investituri potenzjali fir-rigward ta' tranżazzjoni predefinita. Ir-reġim ta' sondaġġ tas-suq fir-rigward ta' allokazzjonijiet privati ta' bonds xi drabi jista' jkun ta' piż u jaġixxi bħala diżinċentiv biex jinbdew diskussjonijiet għal tali tranżazzjonijiet kemm għall-emittenti kif ukoll għall-investituri. Sabiex tiżdied l-attrazzjoni tal-allokazzjonijiet privati ta' bonds, l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġjata lil investituri

([4]) Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

([5]) Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

kwalifikati għall-fini ta' tali tranżazzjonijiet jenħtieġ li jitqies li jkun sar fit-twettiq normali ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet ta' persuna u jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim tas-sondaġġ tas-suq, sakemm ma jkunx hemm stabbilit ftehim adegwat ta' nuqqas ta' żvelar.

(7) Ftit likwidità f'ishma ta' emittent tista' tinkiseb permezz ta' mekkaniżmi ta' likwidità bħal arranġamenti ta' ħolqien tas-suq jew kuntratti ta' likwidità. Arranġament ta' ħolqien tas-suq jinkludi kuntratt bejn l-operatur tas-suq u parti terza li timpenja ruħha li żżomm il-likwidità f'ċerti ishma, u bħala ħlas, tibbenifika minn tnaqqis fuq tariffi ta' negozjar. Kuntratt ta' likwidità jinkludi kuntratt bejn emittent u parti terza li tikkommetti li tipprovdi likwidità fl-ishma tal-emittent, u f'ismu. Biex jiġi żgurat li tiġi ppreservata għal kollox l-integrità tas-suq, jenħtieġ li l-kuntratti ta' likwidità jkunu disponibbli għall-emittenti kollha ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs madwar l-Unjoni, soġġett għal għadd ta' kundizzjonijiet.

Mhux l-awtoritajiet kompetenti kollha stabbilixxew prattiki tas-suq aċċettati f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 b'rabta ma' kuntratti ta' likwidità, li tfisser li mhux l-emittenti kollha ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs attwalment għandhom aċċess għal skemi ta' likwidità madwar l-Unjoni. Dik l-assenza ta' skemi ta' likwidità tista' tkun xkiel għall-iżvilupp effettiv ta' swieq tat-tkabbir tal-SMEs. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħoloq qafas tal-Unjoni li ser jippermetti lil emittenti ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs jidħlu f'kuntratt ta' likwidità ma' fornitur tal-likwidità fin-nuqqas ta' prattika tas-suq aċċettata stabbilita fil-livell nazzjonali. F'dan il-qafas tal-Unjoni, persuna li tidħol f'kuntratt ta' likwidità ma' fornitur tal-likwidità b'hekk ma titqiesx li hi involuta f'manipulazzjoni tas-suq. Madankollu, hu essenzjali li l-qafas propost tal-Unjoni dwar kuntratti ta' likwidità għal swieq tat-tkabbir tal-SMEs ma jissostitwixxix, iżda pjuttost jikkumplementa, prattiki tas-suq aċċettati nazzjonali eżistenti jew futuri. Huwa wkoll essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jżommu l-possibbiltà li jistabbilixxu prattiki tas-suq aċċettati fir-rigward ta' kuntratti ta' likwidità biex ifasslu l-kondizzjonijiet tagħhom apposta għal speċifiċitajiet lokali jew biex jestendu tali ftehimiet għal titoli illikwidi apparti ishma ammessi għall-kummerċ f'ċentri ta' negozjar.

(8) Sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti tal-qafas propost tal-Unjoni għal kuntratti ta' likwidità, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta standards regolatorji tekniċi, li jistabbilixxu mudell li għandu jintuża għall-finijiet ta' tali kuntratti, żviluppat mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA), stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(9) Skont l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-emittenti jistgħu jiddeċiedu li jdewmu l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata lill-pubbliku jekk l-interessi leġittimi tal-emittenti x'aktarx li jiġu preġudikati, jekk id-dewmien x'aktarx mhux ser iqarraq lill-pubbliku, u jekk l-emittenti huma kapaċi jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni. Madankollu l-emittenti huma obbligati li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bihom u li jipprovdu spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunament għad-deċiżjoni. Dak l-obbligu ta' notifika, meta impost fuq emittenti, li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għall-kummerċ biss f'suq tat-tkabbir tal-SMEs, jista' jkun ta' piż. Rekwiżit eħfef għal tali emittenti, biex b'hekk ikunu jistgħu jipprovdu spjegazzjoni għad-dewmien biss fuq talba mill-awtorità kompetenti, inaqqas mill-piż amministrattiv għall-emittenti mingħajr ma jkollu ebda impatt sinifikanti fuq l-abbiltà tal-awtorità kompetenti li tissorvelja l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata, sakemm l-awtorità kompetenti xorta tiġi notifikata bid-deċiżjoni li jkun hemm dewmien u tkun kapaċi tiftaħ investigazzjoni jekk ikollha dubju rigward dik id-deċiżjoni.

(10) Ir-rekwiżit anqas strett attwali għal emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs li jippreżentaw, f'konformità mal-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata biss fuq talba tal-awtorità kompetenti, hu ta' effett prattiku limitat, għaliex dawk l-emittenti jibqgħu soġġetti għal rekwiżiti dwar sorveljanza kontinwa tal-persuni li jikkwalifikaw bħala persuni b'informazzjoni privileġġata fil-kuntest ta' proġetti li għaddejjin. Jenħtieġ li r-rekwiżit eżistenti għalhekk jkun sostitwit bil-possibbiltà għal emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs li jżommu biss lista ta' persuni li, fil-qadi normali ta' dmirijiethom, ikollhom aċċess regolari għal informazzjoni privileġġata, bħal diretturi, membri ta' korpi amministrattivi jew konsulenti interni. Ikun ukoll ta' piż għall-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs li

([6]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

jaġġornaw minnufih il-listi sħaħ ta' persuni b'informazzjoni privileġġata bil-mod previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/347 ([7]). Madankollu, peress li xi Stati Membri jqisu li l-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata bħala importanti biex jiġi żgurat livell ogħla ta' integrità tas-suq, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw l-għażla li jintroduċu rekwiżit għall-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs li jipprovdu listi aktar estensivi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata li jinkludu l-persuni kollha li għandhom aċċess għal informazzjoni privileġġata. B'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi żgurat piż amministrattiv proporzjonat għall-SMEs, jenħtieġ li dawk il-listi iktar estensivi minkejja dan jirrappreżentaw piż amministrattiv eħfef meta mqabbla ma' listi sħaħ ta' persuni b'informazzjoni privileġġata.

(11) Huwa essenzjali li jiġi ċċarat li l-obbligu li jiġu mfassla listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata jaqa' kemm fuq l-emittenti kif ukoll fuq kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew akkont tagħhom. Ir-responsabbiltajiet ta' kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-emittent jew akkont tiegħu f'dak li jirrigwarda it-tfassil tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata jenħtieġ li jiġu ċċarati biex jiġu evitati interpretazzjonijiet u prattiki diverġenti madwar l-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jenħtieġ li jiġu emendati kif meħtieġ.

(12) F'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-emittenti u l-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet huma meħtieġa jippubblikaw informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni li jeżerċitaw responsabbiltajiet maniġerjali ("PDMRs") u persuni assoċjati mill-qrib magħhom ("PCAs") fi żmien tlett ijiem tan-negozju wara t-tranżazzjoni. L-istess data ta' skadenza tapplika għal PDMRs u PCAs fir-rigward tad-dmir tagħhom li jirrappurtaw it-tranżazzjonijiet tagħhom lill-emittent jew lill-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet. Fejn emittenti jew parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet jiġu nnotifikati tard minn PDMRs u PCAs bit-tranżazzjonijiet tagħhom, tkun ta' sfida teknika għal dawk l-emittenti jew parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet li jikkonformaw mad-data ta' skadenza ta' tlett ijiem, li tista' toħloq kwistjonijiet ta' responsabbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-emittenti u parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet jitħallew jiżvelaw tranżazzjonijiet fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta jirċievu n-notifika dwar dawk it-tranżazzjonijiet mill-PDMRs jew il-PCAs.

(13) Skont ir-Regolament (UE) 2017/1129, emittent huwa, taħt ċerti kondizzjonijiet, mhux meħtieġ jippubblika prospett, fil-każ ta' titoli offerti f'konnessjoni ma' xiri permezz ta' offerta ta' skambju, u fil-każ ta' titoli offerti, assenjati jew li ser jiġu assenjati f'konnessjoni ma' fużjoni jew diviżjoni. Minflok, dokument li jkun fih informazzjoni minima li tiddeskrivi t-tranżazzjoni u l-impatt tagħha fuq l-emittent isir disponibbli lill-pubbliku. Ma hemm ebda rekwiżit taħt il-liġi tal-Unjoni li awtorità kompetenti nazzjonali għandha tirrevedi jew tapprova tali dokument qabel il-pubblikazzjoni tiegħu, u l-kontenut tiegħu jkun eħfef meta mqabbel ma' prospett. Konsegwenza mhux intenzjonata ta' tali eżenzjoni hi li, f'xi ċirkustanzi, kumpanija mhux elenkata jista' jagħmel ammissjoni inizjali tal-ishma tagħha għall-kummerċ f'suq regolat mingħajr ma tipproduċi prospett. Dan iċaħħad lill-investituri mill-informazzjoni utli li tinsab fi prospett filwaqt li jevita kull rieżami minn awtorità kompetenti nazzjonali tal-informazzjoni mogħtija lis-suq. Hu b'hekk xieraq li jiġi introdott rekwiżit biex jiġi ppubblikat prospett għal kumpannija mhux elenkata li trid ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat wara offerta ta' skambju, fużjoni jew diviżjoni.

(14) L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2017/1129 bħalissa ma jippermettix l-użu ta' prospett simplifikat għal emittenti li t-titoli ta' ekwità tagħhom ikunu ġew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew suq tat-tkabbir tal-SMEs kontinwament għal mill-inqas 18-il xahar u li jfittxu li joħorġu titoli li jagħtu aċċess għal titoli ta' ekwità funġibbli ma' titoli ta' ekwità li jkunu nħarġu qabel. Għaldaqstant, l-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġi emendat biex tali emittenti jkunu jistgħu jużaw il-prospett simplifikat.

(15) Jenħtieġ li s-swieq tat-tkabbir tal-SMEs ma jiġux ipperċepiti bħala l-aħħar pass fl-espansjoni ta' emittenti u jenħtieġ li jippermettu lil kumpaniji ta' suċċess jikbru u xi darba jimxu għal swieq regolati, sabiex jibbenefikaw minn likwidità akbar u ġabra ta' investituri akbar. Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni minn suq tat-tkabbir tal-SMEs għal suq regolat, jenħtieġ li kumpaniji li qed jikbru jkunu kapaċi jużaw ir-reġim ta' żvelar simplifikat stipulat fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2017/1129, għall-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat ta' titoli funġibbli ma' titoli li jkunu nħarġu qabel, dejjem sakemm dawk il-kumpaniji jkunu offrew titoli lill-pubbliku li jkunu ġew ammessi kontinwament għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs għal mill-anqas sentejn u jkunu kkonformaw bis-sħiħ mal-obbligi ta' rappurtar u żvelar tul dak il-perijodu. Jenħtieġ li perijodu ta' sentejn jippermetti lill-emittenti jkollhom rekord suffiċjenti u jipprovdu lis-suq b'informazzjoni dwar il-prestazzjoni finanzjarja tagħhom u rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 2014/65/UE.

([7]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/347 tal-10 ta' Marzu 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format preċiż tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, kif ukoll il-format għall-aġġornament tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 49).

(16) Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) ma jirrikjedix lill-emittenti ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs jippubblikaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju. Madankollu, sabiex tiġi evitata d-diverġenza minn standards tas-suq regolat, l-emittenti ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs li jixtiequ jużaw ir-reġim ta' żvelar simplifikat stipulat fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2017/1129 għall-ammissjoni tat-titoli tagħhom għal kummerċ f'suq regolat jenħtieġ li minkejja kollox jħejju d-dikjarazzjonijiet finanzjarji l-aktar reċenti tagħhom f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002, inkluż informazzjoni komparattiva għas-sena preċedenti, sakemm ikunu meħtieġa jħejju kontijiet ikkonsolidati bħala riżultat tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), wara l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji tagħhom għall-kummerċ f'suq regolat. Fejn l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva ma tirrikjedix lill-emittenti jħejju tali kontijiet, jenħtieġ li jikkonformaw mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih il-kumpanija tkun inkorporata.

(17) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa konsistenti mal-għanijiet tal-prospett tal-UE għat-Tkabbir, kif stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2017/1129. Il-prospett tal-UE għat-Tkabbir huwa qasir u għalhekk ekonomiku biex jiġi prodott, u dan inaqqas l-ispejjeż għall-SMEs. L-SMEs jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu li jużaw il-prospett tal-UE għat-Tkabbir. Id-definizzjoni attwali tal-SMEs fir-Regolament (UE) 2017/1129 jistgħu jkunu restrittivi wisq, b'mod partikolari għal dawk l-emittenti li jfittxu ammissjoni għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs li għandhom tendenza jkunu ikbar minn SMEs tradizzjonali. Bħala riżultat, fir-rigward tal-offerti pubbliċi, immedjatament segwiti minn ammissjoni inizjali għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs, emittenti iżgħar ma jkunux jistgħu jużaw il-prospett tal-UE għat-Tkabbir, anki jekk il-kapitalizzazzjoni tas-suq tagħhom wara l-ammissjoni inizjali tagħhom għall-kummerċ tkun inqas minn EUR 200 000 000. Bħala konsegwenza, ir-Regolament (UE) 2017/1129 jenħtieġ li jiġi emendat biex l-emittenti li jfittxu offerta pubblika b'kapitalizzazzjoni tentattiva tas-suq ta' taħt EUR 200 000 000 jkunu jistgħu jfasslu prospett għat-Tkabbir tal-UE.

(18) Meta titqies l-importanza tal-SMEs għall-funzjonament tal-ekonomija tal-Unjoni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-impatt tal-liġi tal-Unjoni tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni fuq il-finanzjament tal-SMEs. Għal dak il-għan, meta tagħmel ir-rieżami tal-atti legali li jaffettwaw il-finanzjament tal-SMEs elenkati u dawk mhux elenkati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza ostakli regolatorji u amministrattivi, inkluż fir-rigward tar-riċerka, li jillimitaw jew jipprevjenu l-investiment fl-SMEs. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-evoluzzjoni tal-flussi ta' kapital fl-SMEs u tagħmel ħilitha biex toħloq ambjent regolatorju favorevoli biex irawwem il-finanzjament tal-SMEs.

(19) Għalhekk jenħtieġ li D-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 596/2014 u (UE) 2017/1129 jiġu emendati kif xieraq.

(20) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-31 ta' Diċembru 2019. Madankollu, jenħtieġ li l-Artikolu 1 japplika mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 596/2014**

Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Fejn offerta għal titoli tiġi indirizzata biss lil investituri kwalifikati kif iddefinit fil-punt (e) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), il-komunikazzjoni ta' informazzjoni lil dawk l-investituri kwalifikati għall-għanijiet ta' negozjar tat-termini u kundizzjonijiet kuntrattwali tal-parteċipazzjoni tagħhom fi ħruġ ta' bonds minn emittent li jkollu strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ f'ċentru ta' negozjar, jew minn kwalunkwe persuna li taġixxi f'ismu jew akkont tiegħu, ma għandhiex tikkostitwixxi sondaġġ tas-suq. Tali komunikazzjoni għandha titqies li ssir fit-twettiq normali ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet ta' persuna kif previst fl-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament, u b'hekk ma għandhiex tikkostitwixxi żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata. Dak l-emittent jew kwalunkwe persuna li taġixxi f'ismu jew akkont tiegħu għandu jiżgura li l-investituri li

([8]) Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

([9]) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

jkunu qed jirċievu l-informazzjoni jkunu konxji ta', u jirrikonoxxu bil-miktub, id-dmirijiet legali u regolatorji involuti u jkunu konxji mis-sanzjonijiet applikabbli għall-abbuż ta' informazzjoni privileġġata u żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata.

(*) Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).";

2. fl-Artikolu 13, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"12. Mingħajr preġudizzju għal prattiki tas-suq aċċettati kif stabbilit skont il-paragrafi 1 sa 11 ta' dan l-Artikolu, emittent ta' strumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs jista' jidħol f'kuntratt ta' likwidità għall-ishma tiegħu, fejn huma sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-termini u kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' likwidità huma konformi mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/908 (*);

(b) il-kuntratt ta' likwidità huwa mfassal skont il-mudell tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu;

(c) il-fornitur tal-likwidità huwa awtorizzat kif meħtieġ mill-awtorità kompetenti skont id-Direttiva 2014/65/UE u hu rreġistrat bħala membru tas-suq mal-operatur tas-suq jew id-ditta tal-investiment li topera s-suq tat-tkabbir tal-SMEs;

(d) l-operatur tas-suq jew id-ditta tal-investiment li joperaw is-suq tat-tkabbir tal-SMEs jirrikonoxxu bil-kitba lill-emittent li rċevew kopja tal-kuntratt ta' likwidità u jaqblu mat-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt.

L-emittent imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun kapaċi juri fi kwalunkwe ħin li l-kundizzjonijiet li taħthom ġie konkluż il-kuntratt huma ssodisfati fuq bażi kontinwa. Dak l-emittent u l-operatur tas-suq jew id-ditta tal-investiment li joperaw is-suq tat-tkabbir tal-SMEs għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti b'kopja tal-kuntratt tal-likwidità fuq talba tagħhom.

13. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tfassal mudell kuntrattwali li għandu jintuża għall-għanijiet ta' dħul f'kuntratt ta' likwidità f'konformità mal-paragrafu 12, sabiex tkun żgurata konformità mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 2, inkluż fir-rigward tat-trasparenza għas-suq u l-prestazzjoni tal-provvediment tal-likwidità.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Settembru 2020.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(*) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/908 tas-26 ta' Frar 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji, il-proċedura u r-rekwiżiti biex tiġi stabbilita prattika tas-suq aċċettata u r-rekwiżiti biex tinżamm, tiġi terminata jew jiġu modifikati l-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni tagħha (ĠU L 153, 10.6.2016, p. 3)." ;

(3) fl-Artikolu 17(4), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, emittent li l-istrumenti finanzjarji tiegħu jkunu ammessi għall-kummerċ biss f'suq tat-tkabbir tal-SMEs, għandu jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub lill-awtorità kompetenti speċifikata skont il-paragrafu 3 biss fuq talba. Sakemm l-emittent ikun jista' jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu għal dewmien, l-emittent m'għandux jkun mitlub iżomm rekord ta' dik l-ispjegazzjoni.";

(4) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-emittenti u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew akkont tagħhom għandhom, kull wieħed minnhom:

(a) ifasslu lista tal-persuni kollha li għandhom aċċess għal informazzjoni privileġġata u li qed jaħdmu għalihom taħt kuntratt ta' impjieg, jew inkella jwettqu kompiti li permezz tagħhom għandhom aċċess għal informazzjoni privileġġata, bħal konsulenti, kontabilisti jew aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (lista' ta' persuni b'informazzjoni privileġġata);

(b) jaġġornaw il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata fil-pront skont il-paragrafu 4; u

(c) jipprovdu l-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata lill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun fuq talba tagħha.

2. L-emittenti u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew akkont tagħhom, għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw li kwalunkwe persuna fuq il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata tagħraf bil-miktub id-dmirijiet legali u regolatorji involuti u tkun konxja mis-sanzjonijiet applikabbli għal abbuż ta' informazzjoni privileġġata u żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata.

Fejn persuna oħra tintalab mill-emittent tfassal u taġġorna l-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, l-emittent għandu jibqa' kompletament responsabbli għall-konformità ma' dan l-Artikolu. L-emittent għandu dejjem iżomm dritt ta' aċċess għal-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata li l-persuna l-oħra tkun qed tfassal.";

(b) il-paragrafi 4, 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. L-emittenti u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew akkont tagħhom għandhom, kull wieħed minnhom, jaġġornaw il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata tagħhom fil-pront, inkluż id-data tal-aġġornament, fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) meta jkun hemm bidla fir-raġuni għaliex tiddaħħal persuna li tkun diġà fil-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata;

(b) meta jkun hemm persuna ġdida li jkollha aċċess għal informazzjoni privileġġata u teħtieġ, għalhekk, tiżdied mal-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata; u

(c) meta persuna ma jibqax ikollha aċċess għal informazzjoni privileġġata.

Kull aġġornament għandu jispeċifika d-data u l-ħin meta tkun seħħet il-bidla li wasslet għall-aġġornament.

5. L-emittenti u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew akkont tagħhom għandhom iżommu l-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata tagħhom għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin wara li tkun tfasslet jew ġiet aġġornata.

6. L-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq tat-tkabbir tal-SMEs għandhom ikunu intitolati li jinkludu fil-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata tagħhom biss lil dawk il-persuni li, minħabba n-natura tal-funzjoni jew pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-emittent, għandhom aċċess regolari għal informazzjoni privileġġata.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u fejn ġustifikat minn tħassib speċifiku dwar l-integrità tas-suq nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu lill-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs biex jinkludu fil-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata tagħhom il-persuni kollha msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1. Dawk il-listi għandhom jinkludu informazzjoni speċifikata fil-format determinat mill-EMSA skont ir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandha tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti mill-aktar fis possibbli fuq talba tagħha.

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-format preċiż tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Il-format tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata għandu jkun proporzjonat u jirrappreżenta piż amministrattiv eħfef meta mqabbel mal-format tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata msemmija fil-paragrafu 9.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-1 ta' Settembru 2020.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(5) fl-Artikolu 19(3), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jagħmel pubblika l-informazzjoni li tinsab f'notifika msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien jumejn ta' xogħol wara li jirċievi tali notifika.";

(6) l-Artikolu 35(2) jinbidel b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(5) u (6), l-Artikolu 12(5), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(2), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 19(13) u (14), u l-Artikolu 38 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-31 ta' Diċembru 2019. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' tul identiku ta' żmien, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.".

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament (UE) 2017/1129**

Ir-Regolament (UE) 2017/1129 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"6a. L-eżenzjonijiet stipulati fil-punt (f) tal-paragrafu 4 u fil-punt (e) tal-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss fir-rigward tat-titoli ta' ekwità, u biss fil-każijiet li ġejjin:

(a) it-titoli ta' ekwità offerti huma funġibbli ma' titoli eżistenti li diġà ġew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat qabel ix-xiri u t-tranżazzjoni relatata miegħu, u x-xiri ma jitqiesx bħala tranżazzjoni ta' akkwist invers fis-sens tal-paragrafu B19 tal-istandards internazzjonali ta' rappurtaġġ finanzjarju (IFRS) 3, Kombinamenti ta' Negozji, adottati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 (*); jew

(b) l-awtorità superviżorja li għandha l-kompetenza, fejn applikabbli, li teżamina d-dokument tal-offerta skont id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) tkun ħarġet approvazzjoni minn qabel tad-dokument imsemmi fil-punt (f) tal-paragrafu 4 jew il-punt (e) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

6b. L-eżenzjonijiet stipulati fil-punt (g) tal-paragrafu 4 u fil-punt (f) tal-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss għal titoli ta' ekwità li fir-rigward tagħhom it-tranżazzjoni mhijiex ikkunsidrata bħala tranżazzjoni ta' akkwist invers fis-sens tal-paragrafu B19 tal-IFRS 3, Kombinamenti ta' Negozji, u biss fil-każijiet li ġejjin:

(a) it-titoli ta' ekwità tal-entità li tkun għamlet l-akkwist ikunu diġà ġew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat qabel it-tranżazzjoni; jew

(b) it-titoli ta' ekwità tal-entitajiet soġġetti għad-diviżjoni jkunu diġà ġew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat qabel it-tranżazzjoni.

(*) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).
(**) Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12).";

(2) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(5), emittenti li t-titoli ta' ekwità tagħhom ikunu ġew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew suq tat-tkabbir tal-SMEs kontinwament għal mill-inqas 18-il xahar u li joħorġu titoli mingħajr ekwità jew titoli li jagħtu aċċess għal titoli ta' ekwità funġibbli mat-titoli ta' ekwità eżistenti tal-emittent diġà ammess għall-kummerċ; ";

(ii) jiżdied il-punt li ġej:

"(d) emittenti li t-titoli tagħhom ikunu ġew offruti lill-pubbliku u ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs kontinwament għal mill-inqas sentejn, u li jkunu kkonformaw bis-sħiħ mal-obbligi ta' rappurtar u żvelar tul il-perijodu tal-ammissjoni għall-kummerċ u li jfittxu ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat ta' titoli funġibbli ma' titoli eżistenti li jkunu nħarġu qabel.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fit-tieni subparagrafu, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Dawk l-emittenti msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li huma meħtieġa jħejju kontijiet ikkonsolidati skont id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) wara l-ammissjoni tat-titoli tagħhom għall-kummerċ f'suq regolat għandhom jikkompilaw l-informazzjoni finanzjarja l-aktar reċenti skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu 14, li jkun fiha informazzjoni komparattiva għas-sena preċedenti inkluża fil-prospett simplifikat skont l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

(*) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).
(**) Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).";

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Dawk l-emittenti msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li mhumiex meħtieġa jħejju kontijiet ikkonsolidati skont id-Direttiva 2013/34/UE wara l-ammissjoni tat-titoli tagħhom għall-kummerċ f'suq regolat għandhom jikkompilaw l-informazzjoni finanzjarja l-aktar reċenti skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, li jkun fiha informazzjoni komparattiva għas-sena preċedenti inkluża fil-prospett simplifikat, skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih jkun inkorporat l-emittent.

Emittenti ta' pajjiż terz li t-titoli tagħhom ikunu ġew ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs għandhom jikkompilaw l-informazzjoni finanzjarja l-aktar reċenti skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, li jkun fiha informazzjoni komparattiva għas-sena preċedenti inkluża fil-prospett simplifikat, skont l-istandards nazzjonali tal-kontabilità tagħhom, sakemm dawk l-istandards jkunu ekwivalenti għar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. Jekk dawk l-istandards nazzjonali tal-kontabilità ma jkunux ekwivalenti għall-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju, l-informazzjoni finanzjarja għandha terġa tiġi fformulata skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002.";

(c) il-punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) għal titoli ta' ekwità, inkluż titoli li jagħtu aċċess għal titoli ta' ekwità, id-dikjarazzjoni tal-kapital operatorju, id-dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni u l-pożizzjoni ta' dejn, żvelar ta' kunflitti ta' interess rilevanti u tranżazzjonijiet ma' parti relatata, azzjonisti maġġuri u, fejn applikabbli, informazzjoni finanzjarja *pro forma*.";

(3) fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ca) emittenti, minbarra SMEs, li joffru ishma lill-pubbliku fl-istess waqt li jfittxu ammissjoni ta' dawk l-ishma għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs, sakemm tali emittenti ma jkollhomx ishma diġà ammessi għall-kummerċ f'suq tat-tkabbir tal-SMEs u l-valur kombinat taż-żewġ komponenti li ġejjin ikun inqas minn EUR 200 000 000:

(i) il-prezz tal-offerta finali, jew il-prezz massimu fil-każ imsemmi fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 17(1);

(ii) l-għadd totali ta' ishma pendenti immedjatament wara l-offerta ta' ishma lill-pubbliku, ikkalkulat jew abbażi tal-ammont ta' ishma offruti lill-pubbliku jew, fil-każ imsemmi fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 17(1), abbażi tal-ammont massimu ta' ishma offruti lill-pubbliku.";

(4) fl-Anness V, il-punt II jinbidel b'dan li ġej:

"II. Dikjarazzjoni tal-kapitalizzazzjoni u l-pożizzjoni ta' dejn (biss għal titoli ta' ekwità maħruġa minn kumpanniji b'kapitalizzazzjoni tas-suq 'il fuq minn EUR 200 000 000) u dikjarazzjoni tal-kapital operatorju (għal titoli ta' ekwità biss).

L-għan huwa li tingħata informazzjoni dwar il-kapitalizzazzjoni u l-pożizzjoni ta' dejn tal-emittent u informazzjoni dwar jekk il-kapital operatorju huwiex biżżejjed biex jaqdi l-ħtiġijiet preżenti tal-emittent jew, jekk le, kif l-emittent jipproponi li jipprovdi l-kapital operatorju addizzjonali meħtieġ.".

*Artikolu 3*

**Emenda għad-Direttiva 2014/65/UE**

Fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 2014/65/UE, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9. Il-Kummissjoni għandu tistabbilixxi grupp ta' esperti magħmul minn partijiet ikkonċernati sal-1 ta' Lulju 2020 biex jissorvelja l-funzjonament u s-suċċess tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs. Sal-1 ta' Lulju 2021, il-grupp ta' partijiet ikkonċernati esperti għandu jippublika rapport dwar il-konklużjonijiet tiegħu.".

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2019. Madankollu, l-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-27 ta' Novembru 2019.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
D. M. SASSOLI

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. TUPPURAINEN

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2116

**tat-28 ta' Novembru 2019**

**li jistipula l-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli madwar l-Unjoni u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1979**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6e(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 531/2012, mill-15 ta' Ġunju 2017, jenħtieġ li l-fornituri domestiċi ma jimponu l-ebda ħlas supplimentari addizzjonali mal-prezz bl-imnut domestiku lill-klijenti tar-roaming f'xi Stat Membru għat-telefonati regolati tar-roaming li jaslulhom, fil-limiti permessi mill-politika tal-użu ġust.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 jillimita kull ħlas supplimentari applikat għat-telefonati regolati tar-roaming irċevuti għall-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli madwar l-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1979 ([2]) jistabbilixxi l-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli madwar l-Unjoni li trid tiġi applikata fl-2019 abbażi taċ-ċifri tad-*data* fl-1 ta' Lulju 2018.

(4) Il-Korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjoni Elettronika pprovda informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni li ġabru l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri dwar il-livell massimu tar-rati għat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli li imponew, skont l-Artikoli 7 u 16 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), f'kull suq nazzjonali għat-terminazzjoni tat-telefonati bil-vuċi bl-ingrossa fuq networks individwali tat-telefonija mobbli; u dwar l-għadd totali ta' abbonati fl-Istati Membri.

(5) Skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012, il-Kummissjoni kkalkulat il-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli madwar l-Unjoni billi mmultiplikat ir-rata massima għat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli li ppermetta Stat Membru partikolari bl-għadd totali ta' abbonati f'dak l-Istat Membru; u għoddiet flimkien ir-riżultati ta' dawn il-multiplikazzjonijiet tal-Istati Membri differenti u ddividiethom bl-għadd totali ta' abbonati fl-Istati Membri kollha, abbażi taċ-ċifri tad-data fl-1 ta' Lulju 2019. Għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro, ir-rata tal-kambju rilevanti hi l-medja tat-tieni kwart tal-2019 miksuba mill-bażi tad-*data* tal-Bank Ċentrali Ewropew.

---

([1]) ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10.

(ii) għall-kummerċ internazzjonali fil-ħwejjeġ magħmulin mill-fibra tal-vikunja li tkun tqaxxret ħajja, kemm jekk il-ħwejjeġ ikunu ġew prodotti fl-Istati fejn timraħ dik l-ispeċi u kemm jekk dawn ikunu ġew prodotti 'l barra minnhom, iridu jintużaw il-kliem, il-marka jew il-logo indikati fil-paragrafu (b)(i). Dan il-kliem, din il-marka jew dan il-logo jridu jingħataw fuq tikketta fuq il-ħwejjeġ infushom. Jekk il-ħwejjeġ ikunu ġew prodotti 'l barra mill-pajjiż tal-oriġini, flimkien mal-kliem, mal-marka jew mal-logo msemmijin fil-paragrafu (b)(i) għandu jingħata wkoll isem il-pajjiż fejn dawn ikunu ġew prodotti;

(c) għall-kummerċ internazzjonali fi prodotti magħmulin bl-idejn mill-fibra tal-vikunja li tkun tqaxxret ħajja li jkunu ġew prodotti fl-Istati fejn timraħ dik l-ispeċi, iridu jintużaw il-kliem, il-marka jew il-logo tal-"VIKUNJA [PAJJIŻ TAL-ORIĠINI] — PRODOTT ARTIĠJANALI" kif muri hawn taħt:

VICUÑA[PAÍS DE ORIGEN]- ARTESANÍA

(d) jekk id-drapp u l-ħwejjeġ jiġu prodotti bl-użu ta' fibra tal-vikunja li tkun tqaxxret ħajja li tkun ġejja minn diversi pajjiżi tal-oriġini, iridu jingħataw il-kliem, il-marka jew il-logo ta' kull pajjiż tal-oriġini tal-fibra, kif spjegat fil-paragrafi (b)(i) u (ii);

(e) l-eżemplari l-oħra kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet imniżżlin fl-Appendiċi I u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan.

([2]) L-ispeċijiet kollha huma mniżżlin fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni minbarra l-ispeċi *Balaena mysticetus*, il-ġeneru *Eubalaena* spp., l-ispeċi *Balaenoptera acutorostrata* (minbarra l-popolazzjoni tal-Punent ta' Greenland), l-ispeċijiet *Balaenoptera bonaerensis, Balaenoptera borealis, Balaenoptera edeni, Balaenoptera musculus, Balaenoptera omurai, Balaenoptera physalus, Megaptera novaeangliae, Orcaella brevirostris* u *Orcaella heinsohni*, il-ġeneri *Sotalia* spp. u *Sousa* spp., l-ispeċijiet *Eschrichtius robustus, Lipotes vexillifer, Caperea marginata, Neophocaena asiaeorientalis, Neophocaena phocaenoides, Phocoena sinus* u *Physeter macrocephalus* u l-ġeneri *Platanista* spp., *Berardius* spp. u *Hyperoodon* spp., li huma mniżżlin fl-Appendiċi I. L-eżemplari tal-ispeċijiet imniżżlin fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, fosthom il-prodotti u l-prodotti dderivati minnhom, minbarra l-prodotti tal-laħam għal skopijiet kummerċjali, li jinqabdu min-nies ta' Greenland skont liċenzja mogħtija mill-awtorità kompetenti kkonċernata, għandhom jitqiesu bħala eżemplari tal-ispeċijiet tal-Anness B. Ġiet stabbilita kwota annwali tal-esportazzjoni ta' żero għall-eżemplari ħajjin tal-popolazzjoni tal-ispeċi *Tursiops truncatusta* tal-Baħar l-Iswed li jittieħdu mis-selvaġġ u li jiġu kkummerċjalizzati għal skopijiet primarjament kummerċjali.

([3]) Il-popolazzjonijiet tal-Botswana, tan-Namibja, tal-Afrika t'Isfel u taż-Żimbabwe (imniżżlin fl-Anness B):

Sabiex jiġi permess biss: (a) il-kummerċ fit-trofej tal-kaċċa għal skopijiet mhux kummerċjali; (b) il-kummerċ fl-annimali ħajjin għal destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli kif iddefiniti fir-Riżoluzzjoni bir-referenza Conf. 11.20 (Rev. CoP18) għall-Botswana u għaż-Żimbabwe u għall-programmi ta' konservazzjoni fuq il-post għan-Namibja u għall-Afrika t'Isfel; (c) il-kummerċ fil-ġlud; (d) il-kummerċ fix-xagħar; (e) il-kummerċ fil-prodotti tal-ġilda għal skopijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali għall-Botswana, għan-Namibja u għall-Afrika t'Isfel u għal skopijiet mhux kummerċjali għaż-Żimbabwe; (f) il-kummerċ f'"ekipas" immarkati u ċċertifikati b'mod individwali, inkorporati f'ġojjellerija lesta għal skopijiet mhux kummerċjali għan-Namibja u l-kummerċ fit-tinqix fl-avorju għal skopijiet mhux kummerċjali għaż-Żimbabwe; (g) il-kummerċ fl-avorju mhux maħdum irreġistrat (għall-Botswana, għan-Namibja, għall-Afrika t'Isfel u għaż-Żimbabwe, in-nejbiet u l-biċċiet sħaħ), bil-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) il-kummerċ isir fi stokkijiet irreġistrati li jkunu proprjetà tal-gvern biss, li joriġinaw minn dak l-Istat (minbarra l-avorju kkonfiskat u l-avorju ta' oriġini mhux magħrufa); (ii) il-kummerċ isir biss ma' sħab kummerċjali li s-Segretarjat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti, ikun ivverifika li għandhom biżżejjed leġiżlazzjoni nazzjonali u biżżejjed kontrolli kummerċjali domestiċi sabiex jiżguraw li l-avorju importat mhux se jiġi esportat mill-ġdid u li dan se jiġi ġestit skont ir-rekwiżiti kollha tar-Riżoluzzjoni bir-referenza Conf. 10.10 (Rev. CoP18) dwar il-manifattura u l-kummerċ domestiċi; (iii) il-kummerċ ma jsirx qabel ma s-Segretarjat ikun ivverifika l-pajjiżi prospettivi tal-importazzjoni u l-istokkijiet irreġistrati li jkunu proprjetà tal-gvern; (iv) il-kummerċ fl-avorju mhux maħdum isir skont il-bejgħ kundizzjonali tal-istokkijiet tal-avorju rreġistrati li huma proprjetà tal-gvern maqbula waqt il-CoP12, li jammontaw għal 20,000 kg fil-każ tal-Botswana, għal 10,000 kg fil-każ tan-Namibja u għal 30,000 kg fil-każ tal-Afrika t'Isfel; (v) flimkien mal-kwantitajiet maqbula waqt il-CoP12, l-avorju li huwa proprjetà tal-gvern li jkun ġej mill-Botswana, min-Namibja, mill-Afrika t'Isfel u miż-Żimbabwe li jkun ġie rreġistrat sal-31 ta' Jannar 2007 u jkun ġie vverifikat mis-Segretarjat jista' jiġi kummerċjalizzat u ttrasportat flimkien mal-avorju msemmi fil-paragrafu (g)(iv) t'hawn fuq bħala parti minn tranżazzjoni waħda tal-bejgħ għal kull destinazzjoni taħt is-superviżjoni stretta tas-Segretarjat; (vi) id-dħul mill-kummerċ jintuża biss għall-konservazzjoni tal-iljunfanti u għall-programmi komunitarji tal-konservazzjoni u tal-iżvilupp fiż-żona fejn jimirħu l-iljunfanti jew maġenbha; u (vii) il-kwantitajiet addizzjonali speċifikati fil-paragrafu (g)(v) t'hawn fuq għandhom jiġu kkummerċjalizzati biss wara li l-Kumitat Permanenti jkun qabel li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin hawn fuq; (h) ma għandha titressaq l-ebda proposta oħra lill-Konferenza tal-Partijiet li tippermetti l-kummerċ fl-avorju tal-iljunfanti li jkun ġej minn popolazzjonijiet li diġà huma inklużi fl-Anness B għall-perjodu li jibda mill-CoP14 u li jintemm disa' snin wara d-data meta jsir il-bejgħ uniku tal-avorju li għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (g)(i), (g)(ii), (g)(iii), (g)(vi) u (g)(vii). Barra minn hekk, kull proposta oħra ta' dan it-tip għandha tiġi ttrattata skont id-Deċiżjonijiet 14.77 u 14.78 (Rev. CoP15). Fuq proposta tas-Segretarjat, il-Kumitat Permanenti jista' jiddeċiedi li jwaqqaf dan il-kummerċ b'mod parzjali jew għal kollox f'każ li jkun hemm nuqqas ta' konformità min-naħa tal-pajjiżi esportaturi jew importaturi jew f'każ li jkun hemm provi li l-kummerċ qed ikun ta' detriment għal popolazzjonijiet oħrajn tal-iljunfanti. L-eżemplari l-oħra kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan.

([4]) Dawn li ġejjin mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament:

Fossili;

Ramel tal-qroll, jiġifieri materjal li jikkonsisti għalkollox jew parzjalment minn frammenti ta' qroll mejjet mgħaffġin fini li ma jkollhomx dijametru ikbar minn 2 mm, mhux identifikabbli sal-livell tal-ġeneru, u li jista' jkun fih ukoll, fost affarijiet oħra, fdalijiet ta' Foraminifera, qxur tal-molluski u tal-krustaċji, u alka ta' mal-qroll;

Frammenti tal-qroll (inkluż żrar u frak), jiġifieri frammenti mhux ikkonsolidati ta' qroll mejjet u mkisser tat-tip bis-swaba' u materjal ieħor bejn 2 u 30 mm ikejla fi kwalunkwe direzzjoni, mhux identifikabbli sal-livell tal-ġeneru.

([5]) Il-kummerċ ta' eżemplari bil-kodiċi tas-sors A huwa permess biss jekk l-eżemplari kkummerċjalizzati jkollhom il-katafilli.

([6]) L-eżemplari mnisslin b'mod artifiċjali tal-ibridi li ġejjin u/jew tal-kultivars mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament:

*Hatiora* x *graeseri*

*Schlumbergera* x *buckleyi*

*Schlumbergera russelliana* x *Schlumbergera truncata*

*Schlumbergera orssichiana* x *Schlumbergera truncata*

*Schlumbergera opuntioides* x *Schlumbergera truncata*

*Schlumbergera truncata* (kultivars)

Mutanti tal-kulur ta' spp. ta' Cactaceae mlaqqmin fuq il-materjal tal-propagazzjoni li ġej: Harrisia 'Jusbertii', Hylocereus trigonus jew Hylocereus undatus

Opuntia microdasys (kultivars)

([7]) L-ibridi mnisslin b'mod artifiċjali ta' *Cymbidium, Dendrobium, Phalaenopsis* u *Vanda* mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, meta l-eżemplari jkunu jintgħarfu mill-ewwel li ġew imnisslin b'mod artifiċjali u ma jkunx hemm mod biex wieħed jiddistingwi jekk inġabrux mis-selvaġġ bħal pereżempju xi ħsara mekkanika jew deidratazzjoni qawwija b'riżultat ta' ġbir, ta' tkabbir irregolari u ta' daqs u għamla eteroġenji fil-grupp tassonomiku u fil-konsenja, alka jew organiżmi epifillużi oħra mwaħħlin mal-weraq, jew xi ħsara minn insetti jew pesti oħra; u

(a) meta ttrasportati fi żmien meta ma jarmux il-fjuri, l-eżemplari jridu jiġu kkummerċjalizzati f'konsenji li jikkonsistu minn kontenituri individwali (bħal kartun, kaxxi, ċestuni jew xkafef individwali ta' kontenituri CC) li jkun fihom 20 pjanta jew iktar tal-istess ibridu f'kull kontenitur; il-pjanti f'kull kontenitur irid ikollhom grad għoli ta' uniformità u ta' saħħa; u l-konsenja trid tkun akkumpanjata b'dokumentazzjoni, bħal fattura, li tiddikjara b'mod ċar in-numru ta' pjanti ta' kull ibridu; jew

(b) meta ttrasportati fi żmien meta jarmu l-fjuri, b'minn tal-inqas fjura waħda miftuħa għalkollox għal kull eżemplar, l-ebda numru minimu ta' eżemplari għal kull konsenja mhu meħtieġ iżda l-eżemplari jridu jiġu pproċessati b'mod professjonali għall-bejgħ bl-imnut kummerċjli, eż. ittikkettati b'tikketti stampati jew ippakkjati b'pakketti stampati li jindikaw l-isem tal-ibdridu u l-pajjiż tal-ipproċessar finali. Dan jenħtieġ li jkun jidher b'mod ċar jenħtieġ li jippermetti verifika faċilment.

Il-pjanti li ma jikkwalifikawx b'mod ċar għall-eżenzjoni jridu jiġu akkumpanjati b'dokumenti CITES xierqa.

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

([9]) L-eżemplari mnisslin b'mod artifiċjali ta' kultivars ta' *Cyclamen persicum* mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Madankollu, l-eżenzjoni ma tapplikax għal eżemplari kkummerċjalizzati bħat-tuberi reqdin.

([10]) L-ibridi u l-kultivars imnisslin b'mod artifiċjali ta' *Taxus cuspidata*, ħajjin, fi qsari jew f'kontenituri żgħar oħra, fejn kull konsenja tkun akkumpanjata b'tikketta jew b'dokument li jiddikjaraw l-isem tal-grupp tassonomiku jew tal-gruppi tassonomiċi, u bit-test "imnisslin b'mod artifiċjali", mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

| | Anness D | Isem komuni |
|---|---|---|
| **FAWNA** | | |
| CHORDATA (KORDATI) | | |
| **MAMMALIA** | | Mammiferi |
| CARNIVORA | | |
| **Canidae** | | **Klieb, volpijiet u lpup** |
| | *Vulpes vulpes griffithi* (III l-Indja) §1 | Volpi aħmar |
| | *Vulpes vulpes montana* (III l-Indja) §1 | Volpi aħmar |
| | *Vulpes vulpes pusilla* (III l-Indja) §1 | Volpi aħmar |
| **Mustelidae** | | **Baġers, martori, ballottri, eċċ.** |
| | *Mustela altaica* (III l-Indja) §1 | Ballottra tal-muntanji |
| | *Mustela erminea ferghanae* (III l-Indja) §1 | Ermellin |
| | *Mustela kathiah* (III l-Indja) §1 | Ballottra ta' żaqqha safra |
| | *Mustela sibirica* (III l-Indja) §1 | Ballottra tas-Siberja |
| DIPROTODONTIA | | |
| **Macropodidae** | | **Kangurijiet u wallabies** |
| | *Dendrolagus dorianus* | Kangarù tas-siġar ta' Doria |
| | *Dendrolagus goodfellowi* | Kangarù tas-siġar ta' Goodfellow |
| | *Dendrolagus matschiei* | Kangarù tas-siġar ta' Huon |
| | *Dendrolagus pulcherrimus* | Kangarù tas-siġar tal-pil dehbi |
| | *Dendrolagus stellarum* | Kangarù tas-siġar ta' Seri |
| **AVES** | | **Għasafar** |
| ANSERIFORMES | | |
| **Anatidae** | | **Papri, wiżż u ċinji** |
| | *Anas melleri* | Papra ta' Meller |

| | Anness D | Isem komuni |
|---|---|---|
| COLUMBIFORMES | | |
| **Columbidae** | | **Bċieċen, ħamiem** |
| | *Columba oenops* | Ħamiema tal-Peru |
| | *Didunculus strigirostris* | Ħamiema tal-munqar bis-snien |
| | *Ducula pickeringii* | Ħamiema imperjali griża |
| | *Gallicolumba crinigera* | Ħamiema ta' Mindanao |
| | *Ptilinopus marchei* | Ħamiema tal-frott sidirha ħamrani |
| | *Turacoena modesta* | Beċċun daqquqa iswed |
| GALLIFORMES | | |
| **Cracidae** | | **Chachalacas, kurrassows, gwans** |
| | *Crax alector* | Kurassow iswed |
| | *Pauxi unicornis* | Kurassow muqran |
| | *Penelope pileata* | Gwan bil-għalla bajda |
| **Megapodiidae** | | **Megapodi, scrubfowl** |
| | *Eulipoa wallacei* | Moluccan scrubfowl |
| **Phasianidae** | | **Gangi, fargħuni, ħaġliet, faġani u tragopani** |
| | *Arborophila gingica* | Ħaġla tal-kullar abjad |
| | *Lophura bulweri* | Faġan ta' Bulwer |
| | *Lophura diardi* | Faġan Sijamiż |
| | *Lophura inornata* | Faġan ta' Salvadori |
| PASSERIFORMES | | |
| **Bombycillidae** | | **Slaten l-isponsuni** |
| | *Bombycilla japonica* | Sultan l-isponsuni tal-Ġappun |
| **Corvidae** | | **Ċawluni, ċawl abjad, slaten iċ-ċawl** |
| | *Cyanocorax caeruleus* | Sultan iċ-ċawl kaħlani |
| | *Cyanocorax dickeyi* | Sultan iċ-ċawl tat-toppu |

| | Anness D | Isem komuni |
|---|---|---|
| **Cotingidae** | | **Cotingas** |
| | *Procnias nudicollis* | Bare-throated bellbird |
| **Emberizidae** | | **Kardinali, wikkiela ż-żrieragħ, tanagers** |
| | *Dacnis nigripes* | Dacnis ta' saqajh suwed |
| | *Sporophila falcirostris* | Wikkiel iż-żrieragħ ta' Temminck |
| | *Sporophila frontalis* | Wikkiel iż-żrieragħ sidru safrani skur |
| | *Sporophila hypochroma* | Wikkiel iż-żrieragħ griż u qastni |
| | *Sporophila palustris* | Wikkiel iż-żrieragħ tal-bwar |
| **Estrildidae** | | **Manikini, waxbills** |
| | *Amandava amandava* | Avadavat aħmar |
| | *Cryptospiza reichenovii* | Sponsun tal-Afrika wiċċu aħmar |
| | *Erythrura coloria* | Sponsun ħaddejh ħomor ta' Mindanao |
| | *Erythrura viridifacies* | Sponsun wiċċu aħdar tal-Filippini |
| | *Estrilda quartinia* (Spiss ikkummerċjalizzat bħala *Estrilda melanotis*) | Waxbill ta' żaqqu safra |
| | *Hypargos niveoguttatus* | Peters's twinspot |
| | *Lonchura griseicapilla* | Grey-headed silverbill |
| | *Lonchura punctulata* | Munia tat-tikek |
| | *Lonchura stygia* | Munia iswed |
| **Fringillidae** | | **Sponsuni** |
| | *Carduelis ambigua* | Verdun rasu iswed |
| | *Carduelis atrata* | Ekru iswed |
| | *Kozlowia roborowskii* | Sponsun roża tat-Tibet |
| | *Pyrrhula erythaca* | Sponsun Boreali rasu griża |
| | *Serinus canicollis* | Kanarin tal-Afrika t'Isfel |
| | *Serinus citrinelloides hypostictus* (Spiss ikkummerċjalizzat bħala *Serinus citrinelloides*) | Kanarin tal-muntanji tal-Lvant tal-Afrika |

| | Anness D | Isem komuni |
|---|---|---|
| **Icteridae** | | **Malvizzi suwed tal-Amerki u tal-Oċeanja** |
| | *Sturnella militaris* | Sturnell tal-Pampas |
| **Muscicapidae** | | **Żanżarelli u malvizzi tal-Afrika, tal-Asja u tal-Ewropa** |
| | *Cochoa azurea* | Cochoa ta' Java |
| | *Cochoa purpurea* | Cochoa vjola |
| | *Garrulax formosus* | Malvizz daħqan bil-ġwienaħ ħomor |
| | *Garrulax galbanus* | Malvizz daħqan għonqu isfar |
| | *Garrulax milnei* | Malvizz daħqan denbu aħmar |
| | *Niltava davidi* | Niltava ta' Fuji |
| | *Stachyris whiteheadi* | Ċaċċarun wiċċu qastni |
| | *Swynnertonia swynnertoni* (din l-ispeċi hija magħrufa wkoll bħala *Pogonicichla swynnertoni*) | Pitirross ta' Swynnerton |
| | *Turdus dissimilis* | Malvizz sidru iswed |
| **Pittidae** | | **Pitti** |
| | *Pitta nipalensis* | Pitta raqabtu blu |
| | *Pitta steerii* | Pitta sidru ikħal |
| **Sittidae** | | **Bulewż** |
| | *Sitta magna* | Bulewż ġgant |
| | *Sitta yunnanensis* | Bulewż ta' Yunnan |
| **Sturnidae** | | **Majni, sturnelli** |
| | *Lamprotornis regius* | Sturnell sidru dehbi |
| | *Mino dumontii* | Majna wiċċu isfar |
| | *Sturnus erythropygius* | Sturnell rasu bajda |

| | Anness D | Isem komuni |
|---|---|---|
| **REPTILIA** | | **Rettili** |
| SAURIA | | |
| **Agamidae** | | |
| | *Physignathus cocincinus* | **Dragun tal-ilma Ċiniż** |
| **Gekkonidae** | | **Wiżgħat** |
| | *Rhacodactylus auriculatus* | Wiżgħa mħattba ta' New Caledonia |
| | *Rhacodactylus ciliatus* | Wiżgħa ġganta ta' Guichenot |
| | *Rhacodactylus leachianus* | Wiżgħa ġganta ta' New Caledonia |
| | *Teratoscincus microlepis* | Wiżgħa tal-qxur żgħar b'għajnejha kbar |
| | *Teratoscincus scincus* | Wiżgħa komuni b'għajnejha kbar |
| **Gerrhosauridae** | | **Gremxul denbhom imxewwek** |
| | *Zonosaurus karsteni* | Gremxula mħażżma ta' Karsten |
| | *Zonosaurus quadrilineatus* | Gremxula mħażżma b'erba' linji |
| **Scincidae** | | **Xaħmet l-art** |
| | *Tribolonotus gracilis* | Xaħmet l-art kukkudrill |
| | *Tribolonotus novaeguineae* | Xaħmet l-art bl-elmu ta' New Guinea |
| SERPENTES | | |
| **Colubridae** | | **Sriep tipiċi, sriep tal-ilma, sriep frosta** |
| | *Elaphe carinata* §1 | Serp jinten tat-Tajwan |
| | *Elaphe radiata* §1 | Serp wikkiel il-firien |
| | *Elaphe taeniura* §1 | Serp bellezza tat-Tajwan |
| | *Enhydris bocourti* §1 | Serp tal-ilma ta' Bocourt |
| | *Homalopsis buccata* §1 | Serp tal-ilma maskerat |
| | *Langaha nasuta* | Serp imnieħru weqa tat-Tramuntana |
| | *Leioheterodon madagascariensis* | Serp menarana ta' Madagascar |
| | *Ptyas korros* §1 | Serp wikkiel il-firien Indoċiniż |
| | *Rhabdophis subminiatus* §1 | Keelback għonqu aħmar |

| | Anness D | Isem komuni |
|---|---|---|
| **Hydrophiidae** | | **Sriep tal-baħar** |
| | *Lapemis curtus* (Inkluż *Lapemis hardwickii*) §1 | Serp tal-baħar ta' Shaw |
| **Viperidae** | | **Lifgħat** |
| | *Calloselasma rhodostoma* §1 | Malayan pit viper |
| **AMPHIBIA** | | |
| ANURA | | Żrinġijiet u rospi |
| **Dicroglossidae** | | **Żrinġijiet** |
| | *Limnonectes macrodon* | Żrinġ tax-Xmara bin-Nejbiet jew Żrinġ Ġgant ta' Java |
| **Hylidae** | | **Żrinġijiet tas-siġar** |
| | *Phyllomedusa sauvagii* | Żrinġ tas-siġar waxy monkey |
| **Leptodactylidae** | | **Żrinġijiet Neotropikali** |
| | *Leptodactylus laticeps* | Żrinġ bit-tikek ħomor li jħaffer |
| **Ranidae** | | **Żrinġijiet** |
| | *Pelophylax shqiperica* | Żrinġ tal-għadajjar tal-Albanija |
| CAUDATA | | |
| **Hynobiidae** | | **Salamandri Asjatiċi** |
| | *Ranodon sibiricus* | Salamandra Semirechensk/salamandra tal-Asja Ċentrali/salamandra tas-Siberja |
| **Plethodontidae** | | **Salamandri bla pulmun** |
| | *Bolitoglossa dofleini* | Salamandra tal-palm ġgant |
| **Salamandridae** | | **Gremxul tal-ilma u salamandri** |
| | *Cynops ensicauda* | Gremxula tal-ilma denbha ppuntat |
| | *Echinotriton andersoni* | Salamandra ta' Anderson |
| | *Laotriton laoensis* | Gremxula tal-ilma denbha moqdief |
| | *Liangshantriton taliangensis* | |

| | Anness D | Isem komuni |
|---|---|---|
| **ACTINOPTERYGII** | | **Ħut** |
| PERCIFORMES<br>**Apogonidae** | | |
| | *Pterapogon kauderni* | Banggai cardinalfish |
| ARTHROPODA (ARTROPODI) | | |
| **INSECTA** | | **Insetti** |
| LEPIDOPTERA | | Friefet |
| **Papilionidae** | | **Friefet denbhom wiesa'** |
| | *Baronia brevicornis* | Baronia b'qarn qasir |
| | *Papilio grosesmithi* | |
| | *Papilio maraho* | Farfett denbu wiesa' |
| MOLLUSCA (MOLLUSKI) | | |
| GASTROPODA<br>**Haliotidae** | | |
| | *Haliotis midae* | Widnejn tal-baħar tal-Oċean Indjan |
| FLORA | | |
| AGAVACEAE | | **Agavi** |
| | *Calibanus hookeri* | |
| | *Dasylirion longissimum* | Beargrass |
| ARACEAE | | **Arumi** |
| | *Arisaema dracontium* | Dragun aħdar |
| | *Arisaema erubescens* | |
| | *Arisaema galeatum* | |
| | *Arisaema nepenthoides* | |
| | *Arisaema sikokianum* | |
| | *Arisaema thunbergii* var. *urashima* | |

| | Anness D | Isem komuni |
|---|---|---|
| | *Arisaema tortuosum* | |
| | *Biarum davisii* ssp. *marmarisense* | |
| | *Biarum ditschianum* | |
| COMPOSITAE (ASTERACEAE) | | **Asteri, margeriti, costus** |
| | *Arnica montana* §3 | Tabakk tal-muntanji |
| | *Othonna cacalioides* | |
| | *Othonna clavifolia* | |
| | *Othonna hallii* | |
| | *Othonna herrei* | |
| | *Othonna lepidocaulis* | |
| | *Othonna retrorsa* | |
| ERICACEAE | | **Ħaxixet il-mikinsa, rododendri** |
| | *Arctostaphylos uva-ursi* §3 | Bearberry |
| GENTIANACEAE | | **Ġentjani** |
| | *Gentiana lutea* §3 | Ġentjan isfar kbir |
| LILIACEAE | | **Wakerobins** |
| | *Trillium pusillum* | Wakerobin nanu |
| | *Trillium rugelii* | Wakerobin jinten |
| | *Trillium sessile* | Wakerobin ġilju tal-bosk bil-fjuri sessili |
| LYCOPODIACEAE | | **Clubmosses** |
| | *Lycopodium clavatum* §3 | Stagshorn clubmoss |
| MELIACEAE | | **Siġar tal-kawba, ċedri** |
| | *Cedrela montana* §4 (sas-27 ta' Awwissu 2020) | |
| | *Cedrela oaxacensis* §4 (sas-27 ta' Awwissu 2020) | |
| | *Cedrela salvadorensis* §4 (sas-27 ta' Awwissu 2020) | |
| | *Cedrela tonduzii* §4 (sas-27 ta' Awwissu 2020) | |

| | Anness D | Isem komuni |
|---|---|---|
| MENYANTHACEAE | | **Bogbeans** |
| | *Menyanthes trifoliata* §3 | Bogbean |
| PARMELIACEAE | | **Likeni parmeliodi** |
| | *Cetraria islandica* §3 | Muski tal-Iżlanda |
| PASSIFLORACEAE | | **Ward tad-deżert** |
| | *Adenia glauca* | Warda tad-deżert |
| | *Adenia pechuelli* | Warda tad-deżert |
| PEDALIACEAE | | **Ġunġlien, difer ix-xitan** |
| | *Harpagophytum* spp. §3 | Difer ix-xitan |
| PORTULACACEAE | | **Portuli, burdlieq** |
| | *Ceraria carrissoana* | |
| | *Ceraria fruticulosa* | |
| SELAGINELLACEAE | | **Clubmosses, spikemosses** |
| | *Selaginella lepidophylla* | Warda ta' Ġeriko |

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2118

## tal-10 ta’ Diċembru 2019

## li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/1693 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjoni ta’ roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1693 ([2]) li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjoni ta’ roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ġie ppubblikat fl-10 ta’ Ottubru 2019,

(2) Fl-Anness I tar-Regolament ippubblikat, il-kodiċijiet addizzjonali TARIC kienu neqsin. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I jiġi emendat sabiex jiżdiedu l-kodiċijiet addizzjonali TARIC,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Jenħtieġ li t-tabella fl-Anness I tiġi sostitwita kif ġej:

| “Isem | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|
| Dongfeng Automobile Chassis System Co., Ltd (imsejħa wkoll “Dongfeng Automotive Wheel Co., Ltd”) | C511 |
| Hangzhou Forlong Impex Co., Ltd | C512 |
| Hangzhou Xingjie Auto Parts Manufacturing Co., Ltd | C513 |
| Jiaxing Henko Auto Spare Parts Co., Ltd | C514 |
| Jining Junda Machinery Manufacturing Co., Ltd | C515 |
| Nantong Tuenz Corporate Co., Ltd | C516 |
| Ningbo Luxiang Autoparts Manufacturing Co., Ltd | C517 |
| Shandong Zhengshang Wheel Technology Co., Ltd | C518 |
| Shandong Zhengyu Wheel Group Co., Ltd | C519 |
| Xiamen Sunrise Group Co., Ltd | C520 |
| Yantai Leeway Electromechanical Equipment Co., Ltd | C521 |
| Yongkang Yuefei Wheel Co., Ltd | C522 |
| Zhejiang Jingu Co., Ltd | C523 |
| Zhejiang Fengchi Mechanical Co., Ltd | C524 |
| Zhengxing Wheel Group Co., Ltd | C525 |
| Zhenjiang R&D Auto Parts Co., Ltd | C526” |

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 259, 10.10.2019, p. 15.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2119

## tal-21 ta' Novembru 2019

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, b'rabta mal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-limiti għall-iskart tal-merkurju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) ta' dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju [1] ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 [2] u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.

(2) Skont id-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni waqt l-ewwel laqgħa tagħha, il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jilħqu ftehim b'kunsens dwar il-materji kollha ta' sustanza.

(3) Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, matul it-tielet laqgħa tagħha tal-25-29 ta' Novembru 2019 (COP3), hija mistennija tadotta Deċiżjoni ("id-Deċiżjoni proposta") dwar limiti minimi għall-iskart tal-merkurju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni, li, bħala riżultat, jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11 (Skart tal-merkurju) tal-Konvenzjoni. L-iskart tal-merkurju li jkun jaqa' taħt l-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni għandu jkun soġġett għal immaniġġjar ambjentalment għaqli bis-saħħa tal-Artikolu 11(3) tal-Konvenzjoni. Kwalunkwe limitu stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni, inkluż għal skart ikkontaminat bil-merkurju jew b'komposti tal-merkurju, jenħtieġ għalhekk li jiġi stabbilit f'livell li jiżgura li l-iskart kollu tali li juri perikli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent ikun soġġett għal immaniġġjar ambjentalment għaqli.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-COP3, minħabba li d-Deċiżjoni proposta, jekk tiġi adottata, ser ikollha effetti legali peress li l-Partijiet għall-Konvenzjoni ser ikollhom jieħdu miżuri biex jimplimentawha fil-livelli nazzjonali jew reġjonali, jew it-tnejn.

(5) L-Unjoni kkontribwiet b'mod sinifikanti għall-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet dwar l-iskart tal-Konvenzjoni u għall-ħidma intersessjonali tal-esperti li tnediet bid-Deċiżjoni MC-2/2 adottata mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni waqt it-tieni laqgħa tagħha, li wasslet għad-Deċiżjoni proposta.

(6) L-*acquis* tal-Unjoni diġà jesiġi li l-iskart kollu tal-merkurju li hu msemmi fl-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni jiġi mmaniġġjat mingħajr ma jipperikola s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent irrispettivament mill-kontenut ta' merkurju ta' tali skart.

(7) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa biss l-adozzjoni ta' Deċiżjoni fil-COP3 li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-Unjoni,

---

[1] ĠU L 142, 2.6.2017, p. 6.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (COP3) għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' Deċiżjoni dwar il-limiti għall-iskart tal-merkurju li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Jista' jintlaħaq qbil dwar l-irfinar tal-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1, safejn dan ikun konsistenti mal-*acquis* tal-Unjoni, fid-dawl tal-iżviluppi fil-COP3, mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. KOSONEN

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2120

**tal-24 ta' Ġunju 2019**

**dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.33078 (2015/C) (eks 2015/NN) implimentata mill-Belġju affavur JCDecaux Belgium Publicité**

*(notifikata bid-dokument C(2019) 4466)*

**(It-testi bil-Franċiż u n-Netherlandiż biss huma awtentiċi)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija [1] hawn fuq u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

(1) B'ittra ddatata d-19 ta' April 2011, irreġistrata fis-26 ta' April 2011, il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand Clear Channel Belgium (minn hawn 'il quddiem "CCB") kontra l-Istat Belġjan dwar l-allegat għoti ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mas suq intern lill-kompetitur tiegħu JCDecaux Street Furniture Belgium (minn hawn 'il quddiem "JCD"), li qabel kienet JCDecaux Belgium Publicité SA.

(2) Fid-29 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni rċeviet it-tieni lment dwar l-allegat għoti ta' għajnuna illegali u inkompatibbli lil JCD. L-ilmentatur ("it-tieni ilmentatur") talab li l-identità tiegħu tibqa' kunfidenzjali.

(3) B'ittra ddatata l-24 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni nfurmat lill-Belġju bid-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "TFUE") fir-rigward ta' din l-għajnuna allegata.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-deċiżjoni tal-ftuħ") ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*" fid-19 ta' Ġunju 2015 [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-allegati miżuri ta' għajnuna in kwistjoni.

(5) Il-Belġju bagħat il-kummenti tiegħu fil-21 ta' Lulju 2015. Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti bil-miktub mingħand CCB fis-16 ta' Lulju 2015, mit-tieni ilmentatur li xtaq li l-identità tiegħu tibqa' kunfidenzjali u fis-17 ta' Lulju 2015 mingħand JCD. Il-Kummissjoni għaddiet il-kummenti tal-partijiet interessati dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ permezz tal-ittra tal-24 ta' Lulju u tat-13 ta' Awwissu 2015 lill-Belġju. Hija rċeviet kummenti mill-Belġju dwar dawn l-osservazzjonijiet permezz ta' ittra tat-2 ta' Ottubru 2015.

(6) Saru wkoll diskussjonijiet u skambji addizzjonali mal-awtoritajiet Belġjani, JCD u CCB. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lill-Belġju u lill-partijiet interessati fil-15 ta' April 2016. Il-Belġju wieġeb għat-talba għal informazzjoni fl-20 ta' Ġunju 2016 u ressaq aktar kummenti fis-26 ta' Jannar 2017, fl-20 ta' Frar 2017, fl-20 ta' Marzu 2017 u fit-23 ta' Jannar 2019.

(7) CCB ippreżentat aktar kummenti fl-1 ta' Diċembru 2015, fit-23 ta' Mejju 2016, fl-20 ta' Settembru 2016 u fl-24 ta' Marzu 2017. Fit-12 ta' Ottubru 2015, i-29 ta' Marzu 2016, il-15 ta' Lulju 2016 u s-16 ta' Mejju 2017, waslu kummenti oħra mingħand JCD.

[1] ĠU C 203, 19.6.2015, p. 12.
[2] *Ibid.*

(8) Il-kummenti mressqa mis-CCB fis-16 ta' Lulju 2015 dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-Kummissjoni kien fihom ilment addizzjonali kontra l-JCD.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-ILMENTI

### 2.1. L-ilmentatur CCB u l-allegat benefiċjarju tal-għajnuna JCD

(9) CCB u JCD huma tnejn mill-atturi ewlenin fis-settur ta' reklamar ta' barra fil-Belġju. Iż-żewġ kumpaniji jappartjenu għal gruppi internazzjonali attivi fis-settur tan-negozju tar-reklamar ta' barra fuq format kbir u żgħir.

(10) CCB hija sussidjarja tal-Grupp Internazzjonali CC Media Holding li hija s-sid ta' Clear Channel Communication Inc., kumpanija multinazzjonali bil-kwartieri ġenerali fl-Istati Uniti, li hija attiva f'28 pajjiż fl-Ewropa, fl-Asja u l-Paċifiku u fl-Amerika Latina. Fil-Belġju, CCB tikkummerċjalizza eluf ta' apparati ta' reklamar għal daqsijiet żgħar u kbar; hija attiva wkoll fil-forniment u l-ġestjoni ta' għamara tat-toroq u sistemi ta' bikesharing.

(11) Il-JCD hija s-sussidjarja Belġjana tal-kumpanija Franċiża JCDecaux SA, attur globali fil-qasam tar-reklamar ta' barra u l-provvista, it-tqegħid u l-manutenzjoni ta' għamara tat-toroq, kif ukoll il-provvediment u l-ġestjoni ta' sistemi ta' bikesharing.

(12) L-ilment imressaq minn BAC li huwa s-suġġett ta' din id-deċiżjoni ([3]) huwa marbut maż-żewġ aspetti deskritti hawn taħt. L-ilment imressaq mit-tieni ilmentatur jikkonċerna biss it-tieni parti.

### 2.2. Il-karatteristiċi pubbliċitarji tal-kuntratt tal-1984

#### 2.2.1. *Kuntest*

(13) Il-Belt ta' Brussell ([4]) u JCD ikkonkludew żewġ kuntratti dwar l-introduzzjoni ta' mezzi ta' reklamar fil-Belt ta' Brussell, waħda fl-1984 u l-oħra fl-1999. Iż-żewġ kuntratti jirrelataw mal-installazzjoni ta' għamara urbana bi ħlas minn apparat ta' reklamar b'daqs ta' bejn wieħed u ieħor 2 m$^2$, li jikkostitwixxi l-mezz li jista' jirċievi reklamar (bejn reklamar wieħed jew tnejn, u anke sitt naħat għal apparat b'apparat fuq kull naħa). Ir-reklamar fuq format żgħir fil-Belġju għandu l-partikolarità li l-bordijiet b'format żgħir huma ġeneralment integrati mal-għamara tat-toroq.

(14) Iż-żewġ kuntratti koperti mill-ilment għandhom karatteristiċi differenti kif deskritt hawn taħt.

(15) Il-kuntratt tas-16 ta' Lulju 1984 (iktar 'il quddiem il-"kuntratt tal-1984"), li kien għal perijodu ta' 15-il sena, kien jipprovdi li JCD kienet se tistabbilixxi u setgħet topera organizzazzjoni għar-reklamar u l-għamara urbana msejħa "MUPI" (li tikkonsisti f'żewġ uċuħ, li waħda minnhom hija rriżervata għall-Belt ta' Brussell u l-oħra tista' tiġi operata minn JCD sabiex tirreklama) taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-kuntratt ma pprovda għall-ebda pagamenti minn JCD lill-Belt ta' Brussell bħala kera, drittijiet ta' okkupazzjoni jew miżata għal pannelli li jappartjenu lil JCD, iżda JCD kellu jipprovdi lill-Belt ta' Brussell b'numru ta' vantaġġi in natura: it-tqegħid għad-dispożizzjoni, mingħajr ħlas, ta' basktijiet għar-rimi ta' skart, ta' toilets pubbliċi u ta' gazzetti elettroniċi, twettiq ta' pjan ġenerali, ta' pjan turistiku u ta' lukanda, u ta' pjan għall-bankini fil-Belt ta' Brussell;

(ii) kull apparat jista' jitħaddem għal perjodu ta' 15-il sena u seta' jiġi installat matul il-kuntratt tal-1984, li hu wkoll kellu tul ta' 15-il sena (1984–1999). Bħala riżultat, fl-1999, fi tmiem il-kuntratt tal-1984, numru kbir ta' apparati ta' reklamar koperti mill-kuntratt tal-1984 setgħu jibqgħu jintużaw sa tmiem il-perjodu ta' operazzjoni tagħhom ta' 15-il sena.

([3]) Din id-deċiżjoni ma tittrattax l-ilment addizzjonali ta' CCB imqajma fil-premessa (8) li jirrigwarda t-termini tal-kuntratt tal-1999 li ma kienx parti mill-proċedura ta' investigazzjoni formali (ara wkoll il-premessa (69)).

([4]) Il-Belt ta' Brussell huwa l-isem uffiċjali tal-muniċipalità li hija fiċ-ċentru tar-reġjun ta' Brussell-Kapitali. Il-Belt ta' Brussell hija mdawra minn 18-il muniċipalità li huma integrati mill-qrib, u b'hekk jiffurmaw unità amministrattiva waħda li tinkludi r-Reġjun ta' Brussell-Kapitali. Ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali għandu gvern u Parlament. Hija popolazzjoni urbana b'madwar 1 200 000 abitant, u l-partijiet jikkostitwixxu distrett wieħed, komunement magħruf bħala Brussell.

(16) Il-kuntratt tal-14 ta' Ottubru 1999 (iktar' il quddiem il-"kuntratt tal-1999") issostitwixxa l-kuntratt tal-1984 wara sejħa għal offerti mill-Belt ta' Brussell għax-xiri u t-tqegħid u ż-żamma u l-ġestjoni ta' informazzjoni urbana, ta' xelters għall-vjaġġatur u ta' għamara multimedjali, li parti minnha tista' tintuża għal finijiet ta' reklamar, li ntrebaħ minn JCD.

(17) Għalkemm relatati ma' għamara simili għal dawk fl-1984, il-kuntratt tal-1999 (b'tul ta' 15 snin) ipprovda li:

(i) l-għamara urbana ġdida marbuta ma' dan il-kuntratt tkun il-proprjetà tal-Belt ta' Brussell ([5]) u JCD tħallas kull xahar kera għall-użu tagħha għal skopijiet ta' reklamar;

(ii) l-għamara l-qadima kollha installata fuq il-bażi ta' kuntratti preċedenti bejn il-Belt ta' Brussell u JCD kellha titneħħa minn JCD. Sabiex titqies is-sitwazzjoni tal-għamara koperta mill-kuntratt tal-1984, li għaliha l-perjodu ta' tħaddim ta' 15-il sena kien għadu għaddej, skeda ta' żmien annessa għall-kuntratt tal-1999 (iktar' il quddiem l-"Anness 10") iddeterminat b'mod preċiż id-dati li fihom id-diversi pannelli kellhom jiġu rtirati (bejn l-1999 u l-2010). L-Anness 10 identifika 282 xelters tal-waqfiet tal-karozza tal-linja u 198 unità tal-wiri li baqgħu jkunu koperti mill-kuntratt tal-1984 billi indika l-postijiet u d-dati rispettivi tal-ġbir.

2.2.2. *L-objettiv tal-ilment*

(18) CCB iqis li JCD tkun ibbenefikat minn għajnuna inkompatibbli mill-Istat billi tkompli tisfrutta ċerti karatteristiċi tal-kuntratt tal-1984 lil hinn mid-data ta' żarmar prevista fil-kuntratt tal-1999, mingħajr ma tħallas la l-kera u lanqas it-taxxa lill-Belt ta' Brussell.

## 2.3. **Il-Karatteristiċi ta' Villo!**

2.3.1. *Kuntest*

(19) Sabiex jinkludi offerta ta' mobilità ġdida fit-territorju tiegħu, ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali iddeċieda li jwaqqaf sistema ta' kiri ta' roti awtomatizzati fid-dominju pubbliku.

(20) Għal dan il-għan, ir-Reġjun nieda sejħa għall-offerti fil-15 ta' Marzu 2008, li ntrebaħ minn JCD fit-13 ta' Novembru 2008. Fil-5 ta' Diċembru 2008, ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali ikkonkluda ma' JCD, kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi pubbliċi għat-tħaddim tas-sistema ta' kiri ta' Villo bike fit-territorju tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali (iktar' il quddiem il-"ftehim Villo"), għal tul totali ta' 15 sena (għal perjodu totali ta' sentejn fl-2011 minħabba dewmien fl-eżekuzzjoni tal-ftehim). Dan il-ftehim kien jipprevedi:

(i) l-installazzjoni u t-tħaddim ta' skema ta' kiri ta' roti awtomatizzati (2500 roti minn 200 stazzjon fl-ewwel fażi, li bdiet fis-16 ta' Novembru 2009, li se tiġi estiża għal 5000 rota fit-tieni fażi mill-2011'il quddiem) għal tul totali ta' 15-il sena (sal-2026);

(ii) il-ġestjoni u l-operazzjoni ta' skemi ta' reklamar biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-kiri tar-roti flimkien mal-pagamenti tal-klijenti. F'dan ir-rigward, JCD topera apparat ta' reklamar li jkun integrat fl-istazzjonijiet tar-roti, kif ukoll apparat separat u iżolat minn dawn l-istazzjonijiet (l-aktar dwar l-ispazju tar-reklamar ta' 2 $m^2$ u wkoll 8 $m^2$).

(21) Il-fatturat totali stmat tal-konċessjoni matul id-durata tiegħu huwa ta' madwar EUR [100-150] miljun. Madwar [30-40] tad-dħul ġej mill-utenti u l-bqija tar-reklamar.

(22) Barra minn hekk, fil-kuntest tan-negozjati tal-ftehim Villo, ir-Reġjun ikkonċeda lil JCD ċerti miżuri finanzjarji li ma kinux imsemmija fis-sejħa għal offerti ([6]):

(i) eżenzjoni ta' onorarji għall-okkupazzjoni tal-proprjetà pubblika tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali ta' servizzi ta' reklamar ta' 8 $m^2$; l-ammont massimu ta' din l-eżenzjoni għandu jkun limitat għal massimu ta' EUR [50 000-150 000] fis-sena ([7]);

---

([5]) Permezz ta' ħlas ta' prezz nett fiss għal kull prodott fornut, bit-tagħmir kollu, installat u operattiv.

([6]) Dawn l-elementi ġew inklużi f'emenda tal-ftehim Villo li ġie konkluż fid-9 ta' Ġunju 2011.

([7]) La ħlas huwa ta' EUR […] għal kull apparat fis-sena. It-tariffa massima għal JCD li għandha titħallas mingħajr l-eżenzjoni hija ta' […] apparati ta' 8 $m^2$ * EUR […] kull apparat = EUR [50 000-150 000].

(ii) klawżola ta' impreviżjoni dwar it-taxxi reġjonali (newtralizzazzjoni tal-bidliet fit-taxxi reġjonali): il-prinċipju huwa li jekk jiżdiedu t-taxxi reġjonali, JCD jista' jiġi kkumpensat għal din iż-żieda; madankollu, din il-klawżola qatt ma ġiet applikata;

(iii) klawżola ta' reviżjoni ta' prezzijiet għal taxxi muniċipali (newtralizzazzjoni taż-żieda fit-taxxi muniċipali): il-prinċipju huwa li jekk it-taxxi muniċipali jiżdiedu 'l fuq minn EUR 75/m$^2$, JCD jiġi kkumpensat għal din iż-żieda; l-awtoritajiet Belġjani inizjalment ikkunsidraw li l-kumpens previst f'din il-klawżola jista' jitla' sa massimu ta' EUR [250 000-350 000] fis-sena ([8]).

2.3.2. *L-objettiv tal-ilment*

(23) CCB u t-tieni ilmentatur iqisu li JCD ibbenefikat minn għajnuna mill-Istat permezz tal-finanzjament tal-konċessjoni Villo.

(24) Skont l-ilmentaturi, il-miżuri ta' finanzjament kollha (operazzjoni ta' skemi ta' reklamar u miżuri addizzjonali mogħtija lil JCD) jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(25) Barra minn hekk, tali għajnuna mill-Istat ma tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kumpens għal servizzi pubbliċi, u b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE ([9]) (iktar' il quddiem id-"Deċiżjoni SGEI tal-2012"), sa fejn JCD hija kkumpensata ferm ħafna (b'mod partikolari minħabba li n-numru ta' mezzi ta' reklamar mogħtija lil JCD huwa għoli wisq).

## 3. ANALIŻI TAL-KARATTERISTIĊI PUBBLIĊITARJI TAL-KUNTRATT TAL-1984

### 3.1. Raġunijiet għall-bidu tal-proċedura

(26) Il-Kummissjoni sabet li, fir-rigward tal-operat ta' ċerti apparati ta' reklamar minn JCD fit-territorju tal-Belt ta' Brussell skont il-kuntratt tal-1984 u miżmuma lil hinn mid-dati ta' tneħħija ppjanati tagħhom (kif indikat fl-Anness 10 tal-kuntratt tal-1999), il-kriterji kumulattivi tal-għajnuna mill-Istat ġew issodisfati u li l-miżura għalhekk kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(27) Peress li l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet għad-dikjarazzjoni kompatibbli ma jidhru li ntlaħqu, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) TFUE.

### 3.2. Osservazzjonijiet imressqa mil-partijiet ikkonċernati dwar id-Deċiżjoni ta' ftuħ

(28) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand CCB u JCD, miġbura fil-qosor hawn taħt.

3.2.1. *Osservazzjonijiet imressqa minn CCB*

(29) B'risposta għad-deċiżjoni tal-ftuħ, CCB tiddikjara li hija taqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni li l-operazzjoni minn JCD ta' diversi apparati ta' reklamar installati skont il-kuntratt tal-1984 fit-territorju tal-Belt ta' Brussell u miżmuma lil hinn mid-dati ta' ġbir tagħhom mingħajr ħlas ta' kera jew taxxa tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE u tkun inkompatibbli mas-suq intern.

(30) CCB tiddikjara wkoll li taqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li hemm dubji serji dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-mekkaniżmu ta' kumpens invokat mill-awtoritajiet Belġjani sabiex jiġġustifikaw iż-żamma tal-apparat inkwistjoni lil hinn mid-dati ta' ġbir previsti tagħhom. Skont CCB, l-awtoritajiet Belġjani ma jipprovdu l-ebda evidenza li turi li l-mekkaniżmu ta' kumpens ġie stabbilit formalment qabel iż-żamma illegali tal-apparati inkwistjoni.

([8]) Ara l-premessa 82 tad-deċiżjoni ta' ftuħ.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna mill-Istat taħt forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi mogħtija lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

(31) CCB tenfasizza li l-vantaġġ li JCD kienet tirċievi permezz tal-apparat li ġid installat fl-1984 apparat lil hinn mid-dati ta' ġbir maħsuba tagħhom huwa akbar minn EUR 2 150 000, mingħajr imgħax. CCB tibbaża dan fuq żewġ sejbiet ta' uffiċjal ġudizzjarju li saru fuq talba tiegħu fit-3 ta' Diċembru 2007 u fil-21 ta' Diċembru 2009 u dan jagħti inventarju tal-għamara installata skont il-kuntratt tal-1984, li kienu għadhom fis-seħħ f'dawk id-dati. CCB tirrimarka wkoll li l-fatt li l-awtoritajiet Belġjani nfushom jibbażaw lilhom infushom fuq dawk is-sejbiet tal-uxxiera mitluba fuq talba ta' CCB (ara t-Taqsima 3.3.2) juri li ma kien hemm l-ebda monitoraġġ preċiż tal-apparat li nżamm lil hinn mid-dati inizjalment previsti u li, fin-nuqqas ta' evidenza li turi l-kuntrarju mill-awtoritajiet Belġjani, in-numru ta' apparati li għandhom jitqiesu għall-kalkolu tal-vantaġġ mogħti lil JCD huwa 86, jiġifieri, 119 faċċata ta' reklamar.

(32) Fl-aħħar nett, CCB tappoġġa l-analiżi tal-Kummissjoni li, mill-2002, it-taxxi huma pagabbli fuq apparat ta' reklamar indipendentement mill-kuntratt oriġinali. It-tneħħija bikrija ta' skema skont il-kuntratt tal-1984 għalhekk ma tirriżultax f'telf ta' tfaddil fiskali għal JCD, peress li dawn it-tariffi jkunu fi kwalunkwe każ dovuti fuq dawn l-arranġamenti li kieku nżammu, li jirrendi superfluwu l-argument ta' kumpens bejn il-ġbir tardiv u l-ġbir tardiv ineffettiv, sa fejn dawn l-ispejjeż huma kkonċernati. CCB ittenni wkoll l-affermazzjoni tagħha li dawk l-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-benefiċċju ta' JCD joħolqu distorsjonijiet kbar tal-kompetizzjoni fis-suq tar-reklamar estern Belġjan u jirriżultaw fi żvantaġġ kompetittiv fid-dawl tal-fatt li l-kompetituri ta' JCD, inkluż CCB, kellhom iħallsu l-miżati tar-reklamar għall-apparati li joperaw fit-territorju tal-Belt ta' Brussell.

(33) CCB tosserva li, f'sentenza tad-29 ta' April 2016, il-Qorti tal-Appell ta' Brussell iddeċidiet li JCD ma kinitx konformi mad-dati ta' tneħħija stabbiliti fl-Anness 10 tal-Kundizzjonijiet Speċjali tal-kuntratt tal-1999 u kienet qed topera mingħajr titolu jew dritt, għal diversi snin, għal bosta strumenti ta' reklamar fid-dominju pubbliku tal-Belt ta' Brussell ([10]). CCB tosserva wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument ta' tpaċija bejn kollezzjonijiet li waslu tard u ġbir tardiv, sostnut minn JCD.

(34) CCB tqis li d-dħul mir-reklamar mill-isfruttament kummerċjali tal-apparati tar-reklamar miżmuma wara d-data tat-tneħħija stabbilita fl-Anness 10 jista' wkoll jikkostitwixxi riżorsi tal-Istat minħabba li l-Istat innifsu jkun jista' jisfrutta dawk l-apparati huwa stess.

(35) Fl-osservazzjonijiet ippreżentati fis-16 ta' Lulju 2015 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura, CCB ressqet ilment addizzjonali kontra JCD dwar tariffi mhux imħallsa minn JCD lill-Istat Belġjan dwar l-arranġamenti skont il-kuntratt tal-1999.

3.2.2. *Osservazzjonijiet imressqa minn JCD*

(36) Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ tas-17 ta' Lulju 2015, JCD tfakkar li l-awtorità pubblika (f'dan il-każ, il-Belt ta' Brussell) hija obbligata li tippreserva l-bilanċ ekonomiku tal-kuntratti li hija parti għalihom. Skont JCD, sabiex tpatti għat-telf fid-dħul mir-reklamar li jirriżulta mit-tneħħija prematura tal-apparati kkonċernati u sabiex jiġi żgurat l-ekwilibriju ekonomiku tal-kuntratt tal-1984, il-Belt ta' Brussell loġikament ippermettiet il-manutenzjoni u t-tħaddim, lil hinn mid-data tat-tneħħija intiża tagħhom, ta' numru ekwivalenti ta' apparat ieħor kopert mill-kuntratt tal-1984. F'dan ir-rigward, JCD issostni li r-realtà ta' tpaċija hija inkontestabbli u li hija stabbilita minn diversi provi, li jinkludu diversi sottomissjonijiet u osservazzjonijiet bil-miktub mill-Belt ta' Brussell fil-kuntest tal-investigazzjoni preliminari.

(37) Skont JCD, l-operat tal-apparat ta' reklamar inkwistjoni qatt ma kien irregolat mill-kuntratt tal-1999 u ż-żamma ta' ċerta għamara urbana twettqet fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-1984 mingħajr trasferiment ta' riżorsi pubbliċi. Il-manutenzjoni tal-għamara inkwistjoni hija newtrali f'termini ta' riżorsi tal-Istat għaliex tikkostitwixxi l-korrispettiv għat-tneħħija antiċipata ta' oġġetti oħra ta' għamara li huma rregolati mill-istess kuntratt.

(38) Fil-każ ta' JCD, mill-prinċipju stess ta' kumpens jirriżulta li r-reklamar tal-oġġetti ta' għamara li jkunu nżammu wara l-iskadenza tagħhom għandu jkun suġġett għall-istess regoli bħal dawk applikabbli għall-mezzi rtirati bil-quddiem, jiġifieri fil-kuntratt tal-1984.

([10]) Sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Brussell tad-29 ta' April 2016 (id-Disa' Kamra) fil-qafas tal-Kawża 2011/AR/140. Il-Qorti tal-Appell ta' Brussell ċaħdet l-argument tal-interverżjoni tal-għamara u ddikjarat li l-interverżjoni ma kinitx ippjanata jew awtorizzata mill-kuntratti tal-1984 u tal-1999, u lanqas ma ġiet approvata mill-Belt wara l-konklużjoni tal-kuntratt tal-1999.

(39) Għaldaqstant, JCD tikkontesta li hija bbenefikat minn vantaġġ selettiv li irriżulta minn trasferiment ta' riżorsi pubbliċi taħt kuntratti regolari mal-Belt ta' Brussell. JCD tqis li ma ngħatat l-ebda ffrankar f'termini ta' kirjiet u taxxi dovuti taħt il-kuntratt tal-1999, u li dawn is-servizzi huma parti minn mandat ta' servizz pubbliku.

(40) B'mod partikolari, fir-rigward tal-eżenzjoni mill-ħlas ta' kera, huwa spjegat skont JCD mill-mekkaniżmu ta' kumpens irregolat mill-kuntratt tal-1984.

(41) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxi, il-pożizzjoni tal-belt ta' Brussell li ma tingaġġa l-ebda taxxa biss fir-rigward ta' kuntratti ta' għamara urbani — għall-kuntrarju ta' apparat ta' reklamar — tkun perfettament koerenti sabiex jiġi ppreżervat l-ekwilibriju ekonomiku ta' dawn il-kuntratti, peress li la l-arranġamenti skont il-kuntratt tal-1984 u lanqas dawk koperti mill-kuntratt tal-1999 ma kienu suġġetti għal taxxa, indipendentement mill-adozzjoni, mill-Belt ta' Brussell, ta' regolament dwar it-taxxa fl-2002.

(171) Skont id-digriet li jirregola l-operat tas-servizz ipprovdut mill-Ftehim Villo, is-servizz jirrigwarda "*l-organizzazzjoni ta' sistema awtomatizzata għall-kiri tar-roti għat-trasport ta' persuni fit-territorju kollu tar-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell*". JCD tqis li l-obbligi ta' dan is-servizz jikkonsistu essenzjalment fl-istabbiliment ta' netwerk tal-kiri tar-roti li jkun aċċessibbli għall-popolazzjoni kollha, fuq bażi kontinwa, b'rata attraenti, u li jipprovdi għal obbligi relatati mal-manutenzjoni tan-netwerk, pereżempju f'termini ta' preżenza fuq il-post u s-sostituzzjoni ta' roti difettużi. Għalhekk, JCD tqis li l-osservanza tal-kriterju ta' eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku "*ma tqajjem ebda diffikultà f'dan il-każ.*"

It-tieni kriterju tas-sentenza Altmark

(172) Il-JCD tenfasizza li l-obbligu li jiġu ddefiniti bil-quddiem il-parametri tal-kumpens ma jfissirx li l-kumpens għandu jiġi kkalkolat permezz ta' formula speċifika. F'dan il-każ, il-parametri ewlenin tas-sistema ta' finanzjament kienu elenkati b'mod oġġettiv u trasparenti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, li jipprovdu fost l-oħrajn:

(i) li l-konċessjonarju jġarrab ir-riskju operattiv;

(ii) il-preferenza tal-konċessjonant għal offerta li ma teħtieġ l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja mir-Reġjun; u

(iii) li f'ebda każ ir-Reġjun ma jħallas kontribuzzjoni finanzjarja b'rata fissa u b'mod rikorrenti.

(173) JCD tqis ukoll li l-metodu ta' funzjonament tal-eżenzjoni mit-tariffi reġjonali jagħmilha possibbli li jiġi kkalkolat l-ammont eżatt bil-quddiem billi jiġi multiplikat l-ammont fiss tal-imposta bin-numru ta' apparati installati.

(174) Fir-rigward tal-klawżoli ta' reviżjoni tal-prezzijiet, l-impatt finanzjarju tagħhom huwa magħruf minn qabel, peress li dawn huma intiżi li jikkumpensaw għaż-żieda fit-tassazzjoni muniċipali, indipendentement mill-fatt li kien naturalment impossibbli li jiġi antiċipat l-iżvilupp ta' din it-taxxa.

It-tielet kriterju tas-sentenza Altmark

(175) JCD tqis li ma jistax ikun hemm kumpens żejjed minħabba li:

(i) l-eżenzjoni mill-imposti għall-okkupazzjoni tad-dominju reġjonali għal finijiet ta' reklamar ingħatat b'kontro parti għall-aċċettazzjoni tagħha ta' telf akbar ta' dħul li jirriżulta mit-tnaqqis fin-numru ta' apparati ta' reklamar li jistgħu jiġu installati skont il-ftehim Villo;

(ii) il-klawżoli ta' reviżjoni ta' prezzijiet konklużi mal-muniċipalitajiet kienu maħsuba biss biex jipproteġu l-ponderazzjoni tal-kuntratt oriġinarjament imsemmi fil-ftehim Villo, b'impatt finanzjarju limitat ħafna: anqas minn EUR [0-50 000] għas-sena finanzjarja 2013 u anqas minn EUR [0-50 000] għas-sena finanzjarja 2014;

(iii) il-klawżola biex jiġi nnewtralizzat l-iżvilupp tat-tassazzjoni reġjonali hija klawżola ordinarja li qatt ma ġiet implimentata;

(iv) il-Ftehim Villo huwa suġġett għal kontroll strett mill-awtoritajiet Belġjani: in-numru ta' apparati ta' reklamar li jistgħu jiġu installati fl-ambitu tal-konċessjoni huwa definit b'mod preċiż mill-ftehim Villo; il-ftehim jistabbilixxi obbligi stretti f'termini tal-operattività tas-sistema; JCD hija meħtieġa li tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet tar-Reġjun l-informazzjoni relatata mal-eżekuzzjoni tal-ftehim; il-ftehim jipprevedi l-obbligu ta' JCD li tippreżenta lill-Kumitat ta' Ġestjoni rapport annwali dwar id-*data* għall-użu tas-sistema; il-kumitat ta' tmexxija għandu jħejji rapport kull tliet snin dwar l-istat tekniku u teknoloġiku tal-flotta ta' roti; u d-digriet li jirregola l-operat tas-servizz ipprovdut mill-ftehim Villo jipprovdi għal kontroll annwali mill-Gvern u mill-Parlament tar-Reġjun tal-implimentazzjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21 tal-ftehim Villo, in-nuqqas ta' osservanza minn JCD tal-leġiżlazzjonijiet fis-seħħ u kif ukoll tar-regoli etiċi dwar ir-reklamar huwa ssanzjonat b'penali ta' EUR 4 000 għal kull jum; u

(v) il-ftehim Villo huwa defiċitarju.

Ir-raba' kriterju tas-sentenza Altmark

(176) JCD issostni li l-proċedura ta' sejħa għall-offerti li wasslet għall-konklużjoni tal-ftehim Villo kienet tassew miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja u li ma hemm l-ebda dubju li r-Reġjun għażel il-kandidat kapaċi li jipprovdi s-servizz pubbliku bl-anqas spiża għall-kollettività, peress li anki jekk jittieħdu inkonsiderazzjoni l-miżuri addizzjonali adottati wara l-proċedura ta' sejħa ta' aġġudikazzjoni, l-offerta ta' JCD tibqa' l-aktar vantaġġuża.

4.2.3.2. Kompatibbiltà

(177) Fil-każ li l-Kummissjoni tikkonkludi li l-eżenzjoni mill-imposti reġjonali u l-klawżoli ta' reviżjoni tal-prezzijiet jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, JCD targumenta li dawn huma kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012.

L-applikabbiltà tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012

(178) L-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal għajnuna li ma taqbiżx ammont annwali ta' EUR 15-il miljun. JCD tinnota li l-kumpens għal servizzi pubbliċi huwa definit bħala kull vantaġġ mogħti fuq il-fondi pubbliċi, u li d-dħul mir-reklamar u kif ukoll il-ħlasijiet mill-utenti ma jistgħux għalhekk jitqiesu għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, JCD tqis li l-ammont annwali tal-għajnuna allegata f'din il-kawża huwa anqas sew minn dak il-limitu, u għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni.

Osservanza tar-rekwiżiti tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012.

(179) JCD tqis li l-Ftehim Villo josserva d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 u tressaq l-argumenti li ġejjin.

(180) **Mandat**: JCD tirreferi għall-premessa 73 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, li skontha l-obbligi ta' servizzi pubbliċi imposti fuq l-operatur tal-konċessjoni huma stabbiliti fil-ftehim Villo u fid-digriet tal-25 ta' Novembru 2010 adottat mill-Parlament tar-Reġjun.

(181) Fir-rigward tad-durata tal-mandat, JCD tqis li d-durata ta' 15-il sena huwa ġustifikat fid-dawl tal-importanza tal-investimenti meħtieġa. L-installazzjoni ta' stazzjonijiet u l-provvista ta' roti jinvolvu investimenti kbar, filwaqt li l-ftehim Villo jillimita n-numru ta' apparati ta' reklamar li jistgħu jiġu installati u kif ukoll l-indiċjar tat-tariffi tal-utenti. Barra minn hekk, JCD tinnota li d-Deċiżjoni SGEI tal-2005, applikabbli fiż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim Villo, ma stipulat l-ebda dispożizzjoni għad-durata tal-konċessjoni inkwistjoni.

(182) JCD tqis li ma kienx neċessarju f'dan il-każ li l-mandat jistabbilixxi l-modalitajiet ta' irkupru ta' xi kumpens żejjed, peress li kull riskju ta' kumpens żejjed ġie eliminat malli ġie konkluż il-ftehim Villo, fost l-oħrajn minħabba li l-kuntratt ingħata abbażi ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja.

(183) **Kumpens**: JCD tinnota li peress li l-operat tal-konċessjoni kien qed jagħmel telf sal-ġurnata tal-lum, ma setgħetx tiġi kkumpensata żżejjed. Għalhekk mhuwiex neċessarju li jiġi kkalkulat il-marġni operazzjonali ta' JCD sabiex jiġi vverifikat jekk dan tal-aħħar jistax jiġi kkunsidrat bħala raġonevoli u għalhekk mhuwiex meħtieġ li jiġi żgurat li l-parametru referenzjarju użat biex tiġi vverifikata l-assenza ta' kumpens żejjed mhuwiex sopravalutat.

(184) Fir-rigward tal-allokazzjoni ta' dħul mir-reklamar marbut mal-ftehim Villo, JCD tinnota li hija tivvalorizza l-apparati installati f'termini ta' kopertura tal-popolazzjoni, il-prestazzjoni tal-udjenza u l-għadd ta' uċuħ, irrispettivament mill-oriġini kuntrattwali ta' dawn l-uċuħ, u b'kunsiderazzjoni tal-kuntest kompetittiv u l-lokalizzazzjoni tagħhom f'belt strateġikament importanti. Hija tqis li l-evalwazzjoni tal-valur reali esklużivament abbażi tal-GRP, kif issostni CCB (ara l-premessa (162)), ma hijiex rilevanti minħabba li superfiċju wieħed biss mibjugħ (anki b'GRP għoli ħafna) ma huwiex rilevanti għal dawk li jirreklamaw li qed ifittxu kopertura domestika.

(185) **Kontroll tal-kumpens żejjed**: JCD tqis li l-kontrolli operazzjonali previsti mill-ftehim Villo (ara l-premessa 175 (iv) huma ta' natura tali li jiżguraw li ma jkunx hemm kumpens żejjed.

4.2.3.3. Ammonti tal-kumpens

(186) Fir-rigward tal-eżenzjoni mill-imposta għall-okkupazzjoni tad-dominju pubbliku reġjonali, JCD tikkjarifika li fil-kuntest tan-negozjati li wasslu għall-konklużjoni tal-ftehim Villo, JCD qablet li tnaqqas in-numru ta' apparati ta' reklamar li jistgħu jiġu installati fl-ambitu tal-konċessjoni tas-servizz pubbliku, meta mqabbel ma' dak li kien previst fl-offerta tagħha.

(187) L-għadd ta' apparati indipendenti ta' 2 $m^2$ u l-għadd ta' apparati ta' 8 $m^2$ ġew imnaqqsa b' 25 unità. Bħala korrispettiv, ir-Reġjun ta lil JCD eżenzjoni mill-imposti għall-okkupazzjoni tad-dominju pubbliku reġjonali permezz tal-apparati ta' 8 $m^2$ installati skont il-Ftehim Villo.

(188) Din l-eżenzjoni tammonta għal massimu ta' EUR [50 000-150 000] fis-sena (ara l-premessa (22)).

(189) Fir-rigward tan-newtralizzazzjoni tal-bidliet fit-taxxi muniċipali, JCD tikkjarifika li l-impatt finanzjarju huwa fil-prattika limitat ħafna. Dan jiddependi kemm fuq ir-reġistrazzjoni tat-taxxi inkwistjoni kif ukoll fuq il-fatturazzjoni minn JCD. L-imposti li reġgħu ġew fatturati minn JCD skont il-klawżoli ta' reviżjoni tal-prezzijiet fil-prattika se jkunu anqas minn EUR [0-50 000] fis-sena sal-2017.

## 4.3. **Osservazzjonijiet ippreżentati mill-Belġju**

### 4.3.1. *Osservazzjonijiet ippreżentati mill-Belġju dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ*

(190) L-awtoritajiet Belġjani bagħtu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ permezz ta' ittra datata l-21 ta' Mejju 2015.

4.3.1.1. Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

(191) L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw il-pożizzjoni inizjali tagħhom li l-miżuri previsti fil-ftehim Villo konkluż ma' JCD jissodisfaw il-kriterji kollha tas-sentenza Altmark, u li dawn il-miżuri għalhekk ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat.

(192) B'mod partikolari, huma ppreżentaw l-argumenti li ġejjin:

L-ewwel kriterju tas-sentenza Altmark

(193) Permezz tal-promozzjoni ta' mezzi ekoloġiċi ta' trasport li jirrispondu għall-problemi ta' mobbilità li jqumu fi Brussell, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li d-disponibbiltà għall-pubbliku ta' sistema ta' kiri ta' roti awtomatizzati bla dubju ssegwi għanijiet ta' interess ġenerali.

It-tieni kriterju tas-sentenza Altmark

(194) L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, li fuq il-bażi tagħhom il-JCD u s-CCB fasslu l-offerta dettaljata tagħhom, kien fihom il-parametri ewlenin tas-sistema ta' finanzjament:

(i) dħul mis-sistema kollha kemm hija privata;

(ii) ebda għotja diretta jew kumpens dirett għat-telf tal-konċessjoni; u

(iii) riskju ta' operat imġarrab totalment mill-konċessjonarju.

It-tielet kriterju tas-sentenza Altmark

(195) L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw, l-ewwel nett, li l-għoti tal-konċessjoni sar fuq il-bażi ta' proċedura kompetittiva miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, li tippermetti li jiġi preżunt li ma hemmx kumpens żejjed. Sa fejn l-imsemmi reġjun kien eskluda espressament il-ħlas ta' għotja diretta bħala kontro parti għall-konċessjoni, din in-natura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja kienet neċessarjament tippermetti li jiġi eskluż kull riskju ta' kumpens żejjed.

(196) It-tieni nett, il-miżuri finanzjarji previsti mill-konċessjoni ma kinux joħolqu ebda kumpens żejjed fir-rigward ta' JCD. L-awtoritajiet Belġjani jqisu li:

(i) l-eżenzjoni mill-imposti għall-eżerċizzju tad-dominju pubbliku tar-Reġjun li minnu bbenefikat JCD, li jammontaw għal massimu ta' EUR [50 000-150 000] fis-sena, kopriet biss parti żgħira mill-kostijiet totali tal-funzjonament tal-konċessjoni, li tammonta għal [0-5 %] ta' dawn il-kostijiet fl-2012;

(ii) in-newtralizzazzjoni ta' kwalunkwe bidla futura fit-taxxi reġjonali (ara l-premessa (22)) hija klawżola ordinarja fil-kuntratti ta' konċessjoni fit-tul, li hija ġġustifikata b'mod partikolari mill-kompetenza fiskali awtonoma tar-Reġjun u mill-fatt li ma jingħata l-ebda kumpens f'każ ta' telf fl-operat tal-konċessjoni. L-ebda żieda fit-taxxi u fl-imposti reġjonali ma saret f'dan il-każ u għalhekk il-klawżola ta' newtralizzazzjoni qatt ma ġiet applikata;

(iii) il-klawżoli ta' reviżjoni tal-prezzijiet fil-ftehimiet bipartitiċi konklużi mal-muniċipalitajiet (ara l-premessa (22)) huma limitati għall-provvediment ta' miżura korrettiva indipendenti sabiex jiġi żgurat il-ponderazzjoni tal-kuntratt, u ma jaffettwawx il-livell tat-taxxa muniċipali li l-muniċipalitajiet jibqgħu liberi li jirrevedu. Kif stabbilit fil-premessa (82) tad-deċiżjoni tal-ftuħ, din in-newtralizzazzjoni tekwivali għal ammont massimu ta' bejn EUR [50 000-150 000] u EUR [250 000-350 000], skont ir-rata ta' paragun ikkunsidrat;

(iv) f'dak li għandu x'jaqsam mal-allokazzjoni tad-dħul mir-reklamar, JCD tapplika koeffiċjent ta' valutazzjoni għal kull kuntratt li jikkorrispondi għall-valur miżjud fir-rigward tad-dħul medju għal kull superfiċju, metodoloġija li hija koerenti mal-istat tal-arti fil-qasam; u

(v) il-ftehim ta' konċessjoni huwa soġġett għal kontroll sistematiku. Minn naħa, kumitat ta' ġestjoni ([60]) u kumitat ta' akkumpanjament, li għalih JCD, li JCD se jirrapporta lilhom fuq bażi annwali dwar l-operattività tas-sistema, huma responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni xierqa tal-ftehim. Min-naħa l-oħra, id-digriet tal-25 ta' Novembru 2010 jipprevedi kontroll annwali tal-implementazzjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni mill-Gvern tar-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell u mill-Parlament tar-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell.

([60]) Il-kumitat ta' ġestjoni huwa stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim Villo u jinkludi konġuntament mill-anqas żewġ membri maħtura mill-Ministru għall-Mobbiltà fi ħdan il-Mobbilità ta' Brussell u mill-anqas żewġ membri maħtura minn JCD.

Ir-raba' kriterju tas-sentenza Altmark

(197) L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-konċessjoni Villo ingħatat lil JCD wara proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja. Fir-rigward tal-miżuri finanzjarji miżjuda wara s-sejħa għall-offerti (ara l-premessa (22)), l-għan uniku tagħhom kien li jikkumpensa għat-tnaqqis fid-dħul mistenni mir-reklamar u jżomm il-ponderazzjoni tal-kuntratt għall-futur.

4.3.1.2. Kompatibbiltà

(198) Jekk wieħed jassumi li l-miżuri previsti fil-ftehim Villo jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet Belġjani jqisu li dawn jistgħu jkunu kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, fid-dawl tal-fatt li:

(i) l-għoti ta' *bike sharing*, li jippromwovi mezz ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent bħala alternattiva għall-karozza, huwa objettiv definit sew ta' interess Komunitarju;

(ii) il-finanzjament tal-konċessjoni kważi kollu permezz ta' mezzi privati huwa xieraq u proporzjonali, billi għandu effett ta' inċentiv; u

(iii) id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ huma limitati, minħabba li l-konċessjoni hija r-riżultat ta' kompetizzjoni effettiva u trasparenti b'applikazzjoni purament lokali.

4.3.2. *Osservazzjonijiet ippreżentati mill-Belġju dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati*

(199) L-awtoritajiet Belġjani bagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati permezz ta' ittra ddatata t-2 ta' Ottubru 2015.

(200) L-awtoritajiet Belġjani jirrifjutaw l-argumenti mressqa mill-ilmentaturi. Huma jsostnu li l-miżuri previsti mill-ftehim Villo jissodisfaw il-kriterji kollha tas-sentenza Altmark u għalhekk ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat. Sussidjarjament, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-miżuri huma kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi ta':

(i) l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat; u

(ii) id-Deċiżjoni SGEI tal-2012.

4.3.2.1. Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

(201) Filwaqt li s-CCB issostni li r-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell kien ta lil JCD id-dritt li tokkupa u topera d-dominju pubbliku għal skopijiet ta' reklamar mingħajr ma talab ħlas ta' kontro parti, l-awtoritajiet Belġjani jiċħdu din il-premessa u jinnotaw li l-kontro parti għall-operat tal-apparat ta' reklamar hija l-prestazzjoni tas-servizz pubbliku ta' kiri ta' roti, kif prevista fis-sejħa għall-offerti.

(202) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Belġjani jikkonfermaw il-pożizzjoni tagħhom kif imsemmija fl-ittra tagħhom tal-21 ta' Mejju 2015, li skontha l-kriterji tas-sentenza Altmark huma ssodisfati f'dan il-każ (ara l-premessi 191 - 197). Huma jressqu argumenti ġodda li jikkonċernaw l-ewwel żewġ kriterji tas-sentenza Altmark (ara l-premessi 203 - 204).

L-ewwel kriterju tas-sentenza Altmark

(203) Skont l-awtoritajiet Belġjani, id-dikjarazzjoni ta' CCB li servizz ta' kiri ta' roti simili għas-sistema ta' kiri ta' Villo diġà huwa pprovdut fi bliet Ewropej oħra mingħajr ma ġie kwalifikat espressament bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali mhijiex rilevanti f'dan il-każ. Huma jenfasizzaw li l-kunċett ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali huwa kunċett relattiv li jiddependi miċ-ċirkustanzi. F'dan il-każ, ir-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell huwa kkonfrontat bi pressjoni ta' traffiku bil-karozzi partikolarment tqila, li teħtieġ l-adozzjoni ta' miżuri ambizzjużi u effettivi. Fl-eżempju mogħti fir-rigward tal-belt ta' Antwerp, l-awtoritajiet Belġjani jinnotaw li l-operatur inkwistjoni (CCB) jibbenefika minn sussidju dirett.

It-tieni kriterju tas-sentenza Altmark

(204) L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li, jekk jiġi stabbilit metodu ta' finanzjament ta' servizz pubbliku eżattament hekk kif jinħareġ l-avviż ta' sejħa għal offerti, is-sejħa għal kompetizzjoni tkun bla sens peress li l-kandidati ma jkollhom ebda marġni ta' manuvra. L-awtoritajiet Belġjani jikkonfermaw il-pożizzjoni tagħhom li l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta pprovdew għal parametri oġġettivi u trasparenti ta' finanzjament tas-servizz (ara l-premessa (194)).

4.3.2.2. Kompatibbiltà

Applikabbiltà tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012

(205) Għalkemm l-awtoritajiet Belġjani ma jaqblux dwar il-valutazzjoni ta' kull għajnuna, huma jqisu li l-ammont totali tal-għajnuna allegata f'kull każ huwa ferm anqas minn EUR 15-il miljun, peress li d-dħul purament privat (bħad-dħul mir-reklamar) mhuwiex inkluż fil-kalkolu tal-għajnuna. Għaldaqstant, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-ammont annwali tal-għajnuna allegata jaqa' fl-ambitu tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012.

Issodisfar tal-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012

(206) Fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-konċessjoni (ara l-premessa 161), skont l-awtoritajiet Belġjani, id-durata tal-ewwel fażi kienet allinjata ma' dik tat-tieni fażi (ara l-premessa 20). Dan l-allinjament huwa ġġustifikat għal numru ta' raġunijiet: id-durata itwal tal-proċeduri varji meħtieġa, ix-xewqa li ż-żewġ fażijiet jiġu allinjati fl-interess ta' ġestjoni tajba, il-ħtieġa li jiġi kkumpensat tnaqqis fl-għadd ta' apparati ta' reklamar, u x-xewqa li ċ-ċittadini jiġu pprovduti b'servizz pubbliku għal perjodu ta' żmien suffiċjenti.

(207) L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-konċessjoni Villo ngħatat lil JCD permezz ta' mandat ċar u espliċitu li jiddetermina l-parametri ta' kumpens u li jevita kull kumpens żejjed (ara l-premessi 193 sa 197).

L-Artikolu 107(3)(c) TFUE

(208) L-awtoritajiet Belġjani jikkonfermaw il-pożizzjoni tagħhom kif stabbilità fl-ittra tagħhom tal-21 ta' Mejju 2015 (ara l-premessa 198), li l-miżuri previsti fil-Ftehim Villo jistgħu jitqiesu kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE, peress li:

(i) il-forniment ta' *bike sharing* huwa objettiv definit sew ta' interess Komunitarju;

(ii) il-ftehim huwa maħsub bħala strument xieraq u proporzjonali, b'effett ta' inċentiv;

(iii) id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ huma limitati.

## 4.4. **Osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet interessati**

4.4.1. *Osservazzjonijiet addizzjonali ippreżentati minn CCB*

(209) Skont is-CCB, il-kostijiet imġarrba minn JCD fl-eżekuzzjoni tal-ftehim Villo huma ferm anqas minn dawk iddikjarati inizjalment u, għalhekk, minn dawk invokati mill-awtoritajiet Belġjani biex juru li ma kienx hemm kumpens żejjed:

(i) JCD ibbenefikat minn tnaqqis fin-numru ta' roti li kellhom jitqiegħdu fis-servizz, minn 5 000 għal 4 500 rota;

(ii) JCD setgħet kisbet iffrankar sinifikanti bis-saħħa tal-addendum tal-ftehim Villo, li jnaqqas in-numru ta' stazzjonijiet tar-roti li għandhom jiġu installati minn 400 għal 360; u

(iii) l-għadd ta' vjaġġi rreġistrati minn Villo naqas b' 150 000 fl-2015 meta mqabbel mal-2014.

(210) Is-CCB ikkalkulat id-dħul mir-reklamar miksub minn JCD mill-eżekuzzjoni tal-ftehim Villo, billi identifikat l-apparati ta' reklamar fuq il-bażi tad-data tal-installazzjoni u l-pożizzjoni tagħhom, billi kkalkulat in-numru ta' superfiċji ta' reklamar operati minn JCD u, fl-aħħar nett, billi applikat r-rati uffiċjali ta' JCD għan-netwerk tagħha fi Brussell kif ukoll l-iskontijiet ġeneralment applikati fil-qasam tar-reklamar estern għal dan it-tip ta' apparati. Skont dawn il-kalkoli, JCD issottovalutat b'mod sinifikanti d-dħul mir-reklamar rilevanti.

(211) CCB tikkonkludi li JCD irċieviet kumpens żejjed ta' EUR 27,3 miljun bejn Mejju 2009 u Frar 2017.

(212) Fin-nuqqas ta' kull kontroll tal-assenza ta' kumpens żejjed (ara l-premessa 163), CCB tqis li jenħtieġ tiġi stabbilita sistema ta' kontroll biex tivverifika, fuq bażi annwali, jekk hemmx kumpens żejjed tal-konċessjonarju u kif ukoll biex tikkoreġi, fejn xieraq, il-kumpens żejjed identifikat. Jenħtieġ li tali kontroll jitwettaq minn parti terza indipendenti.

(213) Barra minn hekk, CCB tqis li l-kontroll tal-assenza ta' kumpens żejjed għandu jkun ibbażat fuq profitt raġonevoli kkalkulat b'rabta mal-kostijiet tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, u mhux b'rabta fuq id-dħul iġġenerat.

4.4.2. *Osservazzjonijiet addizzjonali ippreżentati minn JCD*

(214) Fir-rigward tal-użu tal-GRP sabiex jiġi ddeterminat id-dħul mir-reklamar iġġenerat mill-ftehim Villo (ara l-premessi 162 u 184), JCD iċċarat li kien wieħed mill-kriterji li hija tuża sabiex tiddetermina l-valur tan-netwerks tar-reklamar. Madankollu, JCD tqis li l-indiċi teoretiku ta' GRP ta' apparati ta' reklamar mhuwiex biżżejjed biex jitjieb il-valur tad-dispożizzjonijiet ta' kuntratt. JCD tikkontrolla l-apparati installati fl-ambitu ta' kull kuntratt b'referenza għal dħul medju għal kull superfiċji, ikkalkolat fuq bażi nazzjonali, li għalih jiġi applikat koeffiċjent korrettiv abbażi ta' diversi fatturi, b'mod partikolari s-superfiċji GRP, il-post tal-apparati f'belt li hija ta' importanza strateġika għal dawk li jirreklamaw, iżda wkoll il-grad ta' pressjoni ta' reklamar varjabbli minn belt għal oħra, u kif ukoll il-kuntest kompetittiv.

(215) Filwaqt li tenfasizza r-rilevanza limitata tal-GRP, JCD tinnota li l-paragun bejn il-GRP u l-prezz għal kull superfiċji bejn l-akbar netwerk nazzjonali tiegħu u l-akbar netwerk nazzjonali tiegħu fi Brussell jipproduċi skontijiet ta' [10-20] % u [20-30] %, rispettivament - simili għall-koeffiċjent korrettiv għas-superfiċji wżati fl-ambitu tal-ftehim Villo, li huwa ta' [20-30] %.

(216) Rigward il-kostijiet imġarrba fit-tħaddim tal-ftehim Villo, JCD tqis li l-ammonti miksuba mis-CCB ma jikkorrispondux għar-realtà, li huwa spjegat minn:

(i) il-fatt li l-metodu CCB ma jqis bl-ebda mod l-investiment meħtieġ mill-produzzjoni tal-infrastruttura meħtieġa fil-bidu tal-konċessjoni;

(ii) l-użu minn CCB ta' kost għal kull rota ta' kull sena ta' EUR 1 450, li ntwera fl-offerta ta' JCD, u li kien għalhekk ibbażat fuq stimi.

(217) JCD ma tirrikonoxxix l-ammonti mogħtija minn CCB għan-newtralizzazzjoni tat-taxxi muniċipali (ara l-premessa (164)). Skont JCD, id-differenza bejn l-ammonti stmati minn CCB u l-ammonti attwali hija spjegata minn:

(i) l-użu ta' rati żbaljati: għall-kuntrarju tal-kalkolu ta' CCB, huma biss ftit muniċipalitajiet li japplikaw rata ta' taxxa fuq l-apparati ta' reklamar ta' aktar minn EUR 75 għal kull $m^2$ kull sena;

(ii) l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu għal muniċipalitajiet mhux ikkonċernati: CCB tidher li applikat l-mekkaniżmu ta' reviżjoni għall-muniċipalitajiet ta' Etterbeek, Schaerbeek u Saint-Josse, filwaqt li l-ftehimiet bilaterali ma' dawn il-muniċipalitajiet ma jinkorporawx din il-klawżola;

(iii) l-applikazzjoni awtomatika tal-mekkaniżmu: fil-prattika, JCD tirċievi l-ammonti skont il-mekkaniżmu ta' reviżjoni biss wara li timponi t-tariffa fuq il-muniċipalitajiet. Jista' jieħu ftit taż-żmien bejn l-installazzjoni u l-operat tal-apparati ta' reklamar u l-mument meta l-ammonti jinġabru skont il-klawżoli ta' reviżjoni.

(218) Fir-rigward tal-ammont ta' dħul mir-reklamar, CCB tissottovaluta l-iskont applikat minn JCD: ir-rata ta' skont hija ta' kważi [60-70] % u mhux ta' 40 %. Bl-applikazzjoni tar-rata ta' skont xierqa, id-dħul mir-reklamar huwa ta' ħafna anqas - kważi bin-nofs - mill-istimi pprovduti minn CCB.

(219) JCD tikkontesta l-ammonti mogħtija minn CCB għall-operat b'xejn tal-apparati ta' reklamar (ara l-premessa 165). Skont JCD, CCB ma tqisx il-fatt li l-operat tal-apparati ta' reklamar previst mill-Konċessjoni ta' Villo ma jistax jiġi sseparat mill-provvista tas-servizz pubbliku tal-kiri tar-roti. Id-dħul mir-reklamar huwa maħsub fil-fatt biex jiffinanzja s-servizz pubbliku.

(220) JCD tqis li l-operat tal-apparati ta' reklamar jittieħed inkunsiderazzjoni fil-finanzjament tal-konċessjoni Villo, peress li hija topera l-apparati Villo b'korrispettiv tal-kostijiet sinifikanti ġġenerati mill-prestazzjoni tas-servizz pubbliku tal-kiri ta' roti.

### 4.5. **Osservazzjonijiet addizzjonali ppreżentati mill-Belġju**

(221) Fir-rigward tad-durata tal-ftehim tal-ftehim Villo (ara l-premessa 161), l-awtoritajiet Belġjani jinnotaw ukoll li d-Deċiżjoni SGEI tal-2005, applikabbli fiż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim Villo, ma kienet tinkludi ebda dispożizzjoni li tirregola d-durata tal-prestazzjoni tas-servizz pubbliku (ara l-premessa 181). Barra minn hekk, l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw li l-estensjoni tad-durata tal-konċessjoni ta' Villo permezz tal-addendum kienet ġġustifikata għal tliet raġunijiet:

(i) ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-partijiet li dewmu l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni;

(ii) ix-xewqa li ż-żewġ fażijiet tal-konvenzjoni Villo jiġu allinjati: iż-żewġ fażijiet tal-konvenzjoni kienu inizjalment previsti għal perjodu ta' 15-il sena, filwaqt li ġew skattati fi żminijiet differenti. Din iċ-ċirkustanza wasslet fil-prattika għal żewġ skadenzi distinti għall-fażi 1 u għall-fażi 2 (kif indikat fil-preambolu tal-addendum); u

(iii) it-tnaqqis fin-numru ta' għamara ta' reklamar użata minn JCD li jirriżulta mill-addendum tal-ftehim Villo.

### 4.6. **It-tieni addendum għall-ftehim Villo**

(222) Addendum għall-ftehim Villo ġie ffirmat fid-29 ta' Marzu 2018 mill-Gvern tar-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell u minn JCD. Dan l-addendum ġie introdott sabiex jippermetti kontroll aktar preċiż u regolari tal-assenza ta' kumpens żejjed.

(223) L-addendum jistipula li r-riżultati tal-kontabbiltà analitika tal-kostijiet separati ta' JCD jintbagħtu lir-Reġjun. Ir-riżultati se jindikaw id-dħul mill-konċessjoni Villo, b'distinzjoni li ssir bejn id-dħul mill-ħlasijiet tal-utenti, id-dħul mir-reklamar, l-eżenzjoni minn tariffi reġjonali u n-newtralizzazzjoni taż-żieda fit-taxxi muniċipali, kif ukoll il-kostijiet tal-konċessjoni, b'distinzjoni bejn il-kostijiet operattivi, il-kostijiet ta' ġestjoni u d-deprezzament tal-investimenti marbuta mas-servizz ta' Villo.

(224) L-addendum jistipula li kull sena l-kummissarju responsabbli mill-kontroll tal-kontijiet annwali ta' JCD ("l-awditur") jivverifika li l-prinċipji tas-separazzjoni tal-kontijiet implimentati minn JCD huma konformi mad-Deċiżjoni SGEI tal-2012. Kull sena, wara verifika mill-awditur, ir-riżultati tal-kontabbiltà separata jintbagħtu lir-reviżur.

(225) Kull sena, ir-reviżur jivverifika li l-proporzjon tar-riżultati ta' operat (EBIT) annwali kumulattivi diviżi bil-kostijiet kumulattivi annwali (mill-2009) marbuta mal-operat tal-konċessjoni ta' Villo mhuwiex ogħla mil-limitu massimu ta' [10-20] % ([61]). Meta jinqabeż il-limitu massimu u fil-limiti ta' kemm jista' jinqabeż il-limitu massimu, l-ammont tat-tariffa reġjonali li JCD hija eżenta minnha, miżjud bl-ammont li jirriżulta mill-impatt tal-miżuri relatati mat-taxxi muniċipali, għandu jitħallas b'mod retroattiv totalment jew parzjalment għas-sena preċedenti.

(226) L-addendum jistipula wkoll li l-awditur jivverifika l-assenza ta' kumpens żejjed għall-perjodu 2009-2017 skont dan il-metodu u jfassal rapport ta' kumpilazzjoni indirizzat lill-kumitat ta' ġestjoni. Ir-rapport kellu jitfassal mill-aktar fis possibbli wara l-firma ta' dan l-addendum.

### 4.7. **Valutazzjoni tal-miżuri qabel it-tieni addendum**

(227) Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni bejn il-perjodu ta' qabel l-addendum (ara l-premessa 222) u l-perjodu ta' wara l-addendum.

#### 4.7.1. *Għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE*

(228) Il-kriterji li jippermettu l-istabbiliment tal-preżenza ta' għajnuna mill-Istat huma deskritti fil-premessi 70-71. Huwa vverifikat fil-premessi minn 229 sa 249 jekk dawn il-kriterji humiex issodisfati għal kull miżura: l-eżenzjoni minn tariffi reġjonali għall-okkupazzjoni tad-dominju pubbliku, in-newtralizzazzjoni taż-żieda fit-taxxi muniċipali, u l-klawżola ta' nuqqas ta' previżjoni għal taxxi reġjonali (ara l-premessa 22).

([61]) Li jikkorrispondi għal proporzjon ta' dħul standard ta' [10-20] %.

4.7.1.1. Attribwibbiltà u Riżorsi tal-Istat

(229) Il-kriterji li jippermettu l-attribwibbiltà u l-preżenza ta' riżorsi tal-Istat huma deskritti fil-premessi 72 u 73.

Attribwibbiltà

(230) Ma huwiex ikkontestat li l-konċessjoni ta' Villo ngħatat mir-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell u li r-Reġjun laqa' l-miżuri addizzjonali wara din l-għotja (ara l-premessi 19-22). Il-miżuri kkontestati huma għalhekk attribwibbli lill-Istat.

Riżorsi tal-Istat

(231) It-telf ta' dħul għar-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell u kif ukoll għad-diversi muniċipalitajiet li jifformaw parti mit-territorju tiegħu, b'rabta mal-miżuri kkontestati, jikkostitwixxi telf ta' qligħ għall-awtoritajiet pubbliċi b'tali mod li ħafna riżorsi tal-Istat ġew ittrasferiti lil JCD.

(232) Ir-riżorsi tal-Istat ikkonċernati huma preċiżament (i) it-telf ta' qligħ li jirriżulta mill-eżenzjoni ta' tariffi għall-okkupazzjoni tad-dominju pubbliku tar-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell fuq l-apparati ta' reklamar ta' 8 $m^2$, li jammonta għal massimu ta' EUR [50 000-150 000] fis-sena; (ii) it-telf ta' dħul marbut man-newtralizzazzjoni ta' żieda possibbli fit-taxxi reġjonali, daqs l-ammont involut minn dik iż-żieda; u (iii) it-telf ta' dħul marbut man-newtralizzazzjoni ta' żieda possibbli fit-taxxi muniċipali, daqs l-ammont involut permezz ta' din iż-żieda u li jammonta għal massimu ta' EUR [250 000-350 000] fis-sena (ara l-premessa 22).

(233) L-iskema tal-kiri ta' roti Villo hija ffinanzjata wkoll mill-ġestjoni u l-operat ta' skemi ta' apparati ta' reklamar minbarra l-pagamenti tal-klijenti. Id-dħul mir-reklamar u l-ħlas mill-utenti tal-konċessjoni huma riżorsi purament privati u ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala riżorsi tal-Istat.

(234) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-dħul mir-reklamar riċevut minn JCD kjarament ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat, peress li dan id-dħul mir-reklamar jiġi minn kuntratti privati bejn JCD u l-klijenti tagħha li fihom l-Istat ma jinterveni bl-ebda mod.

(235) Barra minn hekk, mhuwiex possibbli li jiġi kkunsidrat li r-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell jirrinunzja għal riżorsi tal-Istat sempliċement għaliex ma jinvolvix ruħu f'attività ekonomika partikolari. Approċċ bħal dan fir-rigward tar-riżorsi tal-Istat ikun estremament estensiv u jipprojbixxi lill-Istat milli jawtorizza attivitajiet fit-territorju tiegħu mingħajr ma l-ewwel jivverifika li ma jistax iwettaq l-attività huwa stess.

4.7.1.2. Preżenza ta' vantaġġ ekonomiku

(236) Il-kriterji li jippermettu l-istabbiliment tal-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku selettiv huma deskritti fil-premessi 82 u 83.

(237) F'dan il-każ, l-eżenzjoni mit-tariffi reġjonali u n-newtralizzazzjoni taż-żieda fit-tariffi muniċipali jippermettu lil JCD li ma ġġarrabx kostijiet li normalment kien ikollhom jitħallsu mir-riżorsi finanzjarji tagħha u għalhekk huma ta' natura li jtuha vantaġġ.

(238) L-awtoritajiet Belġjani jqisu madankollu li l-miżuri addizzjonali għandhom jitqiesu bħala kumpens għal servizz pubbliku kopert mill-ġurisprudenza tas-sentenza Altmark.

(239) Fis-sentenza ta' Altmark, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat li l-kumpens mogħti permezz ta' riżorsi tal-Istat għall-kostijiet assoċjati mal-forniment ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ma jikkostitwixxix vantaġġ, sakemm jiġu ssodisfati erba' kundizzjonijiet kumulattivi ([62]):

(i) l-impriża benefiċjarja jrid attwalment ikollha obbligi ta' servizz pubbliku li trid taqdi, u l-obbligi għandhom ikunu definiti b'mod ċar;

(ii) il-parametri li fuq il-bażi tagħhom irid jiġi kkalkolat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti;

([62]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, C-280/00, *Altmark Trans et Regierungspräsidium Magdeburg*, ECLU:EU:C:2003:415, il-punti 87 sa 95.

(iii) il-kumpens ma jistax ikun iktar minn dak li hu neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom, li jirriżultaw mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġjonevoli għat-twettiq ta' tali obbligi. u

(iv) meta l-għażla tal-impriża inkarigata bl-eżekuzzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku ma ssirx fil-qafas ta' proċedura ta' akkwist pubbliku li tippermetti li jintgħażel il-kandidat li jkun kapaċi jipprovdi dawk is-servizzi bl-inqas prezz għall-komunità, il-livell tal-kumpens neċessarju jrid ikun iddeterminat fuq bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża medja, immexxija sewwa u mgħammra adegwatament bil-mezzi rilevanti, kien ikollha biex twettaq dawn l-obbligi.

(240) Fir-rigward tat-tieni kriterju Altmark, il-Kummissjoni tinnota li l-impatt finanzjarju fuq ir-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell tal-miżuri addizzjonali, li kienu previsti fil-ftehim biss wara s-sejħa għal offerti, u b'mod partikolari ta' miżura bħal pereżempju n-newtralizzazzjoni taż-żieda ta' taxxi muniċipali, ma kienx magħruf meta ngħatat din il-miżura peress li hija totalment dipendenti fuq l-iżvilupp futur tat-taxxi muniċipali. Fin-nuqqas ta' kull limitazzjoni tal-impatt finanzjarju massimu ta' din il-miżura, il-Kummissjoni ma tqisx li din hija kompletament trasparenti.

(241) Fir-rigward tat-tielet kriterju ta' Altmark, ma ġiex ivverifikat *ex ante* fiż-żmien meta ngħataw il-miżuri addizzjonali li l-kumpens riċevut minn JCD matul l-operat tal-konċessjoni ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jiġu koperti l-kostijiet kollha jew parti minnhom imġarrba fit-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minnhom, bit-teħid inkunsiderazzjoni tar-rikavat rilevanti u ta' qligħ raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi.

(242) Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-raba' kriterju Altmark, il-Kummissjoni tqis li, biż-żieda ta' ċerti miżuri wara s-sejħa għal offerti, mhuwiex ċar jekk l-objettiv ta' din is-sejħa għall-offerti fid-dawl tas-sentenza Altmark, li huwa li jintgħażel l-operatur kapaċi li jipprovdi s-servizz bl-anqas kost għall-komunità, jistax jitqies li ntlaħaq. Fil-fatt, billi l-miżuri kompensatorji kollha ma humiex inklużi fis-sejħa għall-offerti inkwistjoni, huwa diffiċli li jiġi konkluż li tali sejħa għall-offerti tippermetti li jintgħażel l-operatur li jforni s-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali bl-anqas kost u dan anki jekk il-proċedura ta' sejħa għall-offerti hija fiha nnifisha trasparenti.

(243) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi 240 sa 242, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet tal-ġurisprudenza Altmark mhumiex issodisfati f'dan il-każ u li, konsegwentement, it-trasferimenti ta' riżorsi addizzjonali tal-Istat deċiżi wara s-sejħa għall-offerti jagħtu vantaġġ ekonomiku lill-JCD.

(244) Fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont ta' dan il-vantaġġ, l-awtoritajiet Belġjani kkunsidraw li n-newtralizzazzjoni tat-taxxi muniċipali tammonta għal massimu ta' EUR [50 000-100 000] fis-sena. Madankollu, dak il-kalkolu qies il-fatt li l-muniċipalitajiet ġeneralment japplikaw rata mnaqqsa ta' taxxa għas-servizzi pubbliċi meta mqabbla ma' operaturi kummerċjali li għandhom iħallsu rata standard ogħla. L-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw bħala vantaġġ biss id-differenza bejn it-taxxa aktar favorevoli mħallsa lis-servizzi pubbliċi b'mod ġenerali u l-livell tat-taxxi attwalment applikati lill-JCD fl-ambitu tal-konċessjoni ta' Villo. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-vantaġġ attwali mogħti lill-JCD jikkorrispondi għad-differenza bejn ir-rata standard u r-rata applikata għall-JCD. Dan il-benefiċċju jista' jammonta għal massimu ta' EUR [250 000-350 000] fis-sena skont il-kalkoli inizjali tal-awtoritajiet Belġjani ([63]).

(245) B'kollox, JCD tibbenefika minn benefiċċju massimu ta' EUR [400 000-500 000] fis-sena (EUR [50 000-150 000] għall-eżenzjoni mit-tariffi għall-okkupazzjoni tad-dominju pubbliku tar-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell u EUR [250 000-350 000] għall-applikazzjoni tal-klawżola ta' reviżjoni tal-prezzijiet għat-taxxi muniċipali, ara l-premessa 22.

4.7.1.3. Selettività

(246) Il-kriterji li jippermettu li tiġi evalwata s-selettività ta' miżura huma deskritti fil-premessa 97.

([63]) Ara l-premessa 82 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

(247) Peress li l-miżuri kkontestati jikkostitwixxu miżuri ta' għajnuna individwali, l-identifikazzjoni ta' vantaġġ ekonomiku (ara l-premessi 236 - 245) tippermetti li jiġi preżunt li huma selettivi ([64]). Fin-nuqqas ta' kull indikazzjoni kuntrarja, din il-preżunzjoni tapplika f'dan il-każ u hija biżżejjed biex tiddikjara l-miżuri selettivi.

4.7.1.4. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

(248) Għall-istess raġunijiet bħal dawk żviluppati fil-premessi 103 sa 121, il-miżuri addizzjonali mogħtija lil JCD għall-konċessjoni ta' Villo għandhom effetti li jistgħu potenzjalment ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

4.7.1.5. Konklużjoni fuq il-preżenza tal-għajnuna

(249) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni ssostni li, f'dak li jirrigwarda l-miżuri addizzjonali assoċjati mal-operat tal-konċessjoni tas-servizzi pubbliċi Villo fir-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell minn JCD, il-kriterji kumulattivi ta' għajnuna mill-Istat huma sodisfatti u li għaldaqstant, il-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Artikolu 107(1) TFUE.

4.7.2. *Leġittimità tal-għajnuna*

(250) Il-Kummissjoni ssib li l-miżuri addizzjonali msemmija f'din il-parti tal-ilment, li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Artikolu 107(1) TFUE, ma ġewx innotifikati skont l-Artikolu 108(3) TFUE.

(251) Madankollu, l-awtoritajiet Belġjani jqisu li għalkemm dawn il-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, dan huwa kumpens għal servizz pubbliku li huwa kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SGEI applikabbli fiż-żmien tal-fatti (fiż-żmien tal-għoti ta' dawn il-miżuri, it-test fis-seħħ kien id-Deċiżjoni SGEI tal-2005 li ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni SGEI tal-2012). Iż-żewġ testi jipprovdu għal eżenzjoni min-notifika għall-miżuri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà tagħhom ([65]).

(252) Sabiex il-miżuri jitqiesu bħala kompatibbli, huwa biżżejjed li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni SGEI tal-2005 li kienu japplikaw fiż-żmien meta ngħataw. Il-kompatibbiltà mad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 hija analizzata hawn taħt.

4.7.3. *Kompatibbiltà tal-għajnuna fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005*

4.7.3.1. Kamp ta' applikazzjoni

(253) Id-Deċiżjoni SGEI tal-2005 tapplika biss għal servizzi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni li tirregola din il-kwistjoni fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tat-tifsira tas-servizzi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, peress li l-Kummissjoni għandha l-kompitu li tiżgura l-assenza ta' żball manifest.

(254) F'dan il-każ partikolari, il-Kummissjoni tqis li mhemmx żball manifest jekk is-servizz jissodisfa bżonn ta' ċittadini li ma jkunx issodisfat bl-istess mod mingħajr intervent mill-Istat (pereżempju l-ammont imħallas mill-utenti ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-kostijiet tas-servizz). Huwa interessanti wkoll li wieħed jinnota li l-Qorti Kostituzzjonali Belġjana, li ġiet fdata b'din il-kwistjoni, ikkonfermat in-natura ta' servizz pubbliku tas-sistema tal-kiri ta' roti Villo ([66]).

([64]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2005, *Il-Kummissjoni vs MOL*, C-15/14 P, ECLI:EU:C:2015:362, il-punt 60. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Ġunju 2006, *Ir-Renju tal-Belġju vs Il-Kummissjoni*, C-270/15 P, ECLI:EU:C:2016:489, il-punt 49. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2017, *Ir-Repubblika Ellenika vs Il-Kummissjoni*, T-314/15, ECLI:EU:T:2017:903, il-punt 79.

([65]) Ara l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 u kif ukoll id-Deċiżjoni SGEI tal-2012.

([66]) Ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Belġjana 68/2012 tal-31 ta' Mejju 2012.

(255) Skont l-Artikolu 2(1)(a), id-Deċiżjoni SGEI tal-2005 hija applikabbli għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku ta' anqas minn EUR 30 miljun fis-sena mogħtija lil impriżi li l-fatturat annwali medju tagħhom mingħajr taxxa, tal-attivitajiet kollha, ma laħaqx EUR 100 miljun matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha ngħata s-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali.

(256) L-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lil JCD, fil-forma ta' eżenzjoni mit-tariffa għall-okkupazzjoni ta' dominju pubbliku u għal newtralizzazzjoni taż-żieda fit-taxxi muniċipali, huwa ferm anqas mil-limitu massimu ta' EUR 30 miljun fis-sena, li ma jaqbiżx l-ammont massimu ta' EUR [400 000-500 000] fis-sena (ara l-premessa (245)) skont l-istimi tal-awtoritajiet Belġjani. Barra minn hekk, il-fatturat annwali kien ferm anqas minn EUR 100 miljun fis-snin 2006-2007. Id-Deċiżjoni SGEI tal-2005 għalhekk se tkun applikabbli fuq din il-bażi.

4.7.3.2. Konformità mar-rekwiżiti

(257) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 jirrikjedi li "*il-ġestjoni tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali tiġi fdata lill-impriża kkonċernata permezz ta' att wieħed jew aktar, li l-forma tiegħu tista' tiġi ddeterminata minn kull Stat Membru. Dan l-att jew dawn l-atti għandhom jinkludu, b'mod partikolari: […] il-modi ta' rkupru ta' kull kumpens żejjed u l-mezzi sabiex jiġi evitat dan tal-aħħar.*"

(258) Deskrizzjoni ċara u espliċita tal-modi ta' rkupru ta' kull kumpens żejjed u l-mezzi sabiex jiġi evitat dan tal-aħħar ġiet inkluża fil-mandat ta' JCD biss mid-29 ta' Marzu 2018, bl-adozzjoni tat-tieni addendum għall-ftehim Villo (ara l-premessi (222) sa (226)). Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li dan ir-rekwiżit tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 mhuwiex sodisfatt u li l-għajnuna kkonċernata mhijiex kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005.

4.7.4. *Kompatibbiltà tal-għajnuna fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012*

4.7.4.1. Kamp ta' applikazzjoni

(259) Id-Deċiżjoni SGEI tal-2012 tipprevedi fl-Artikolu 10(b) li "*kull għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni, li ma kinitx kompatibbli mas-suq intern u lanqas eżenti mill-obbligu ta' notifika skont id-Deċiżjoni 2005/842/KE iżda li tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija f'din id-deċiżjoni, hija kompatibbli mas-suq intern u eżenti mill-obbligu ta' notifika preliminari*". Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-għajnuna għandha tiġi analizzata abbażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012.

(260) Kif spjegat fil-premessi 253 u 254, il-Kummissjoni tqis li ma hemm l-ebda żball manifest fit-tifsira tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali. Skont l-Artikolu 2(1)(a), id-Deċiżjoni SGEI tal-2012 tapplika għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku ta' anqas minn EUR 15-il miljun fis-sena. L-ammont totali ta' għajnuna mogħtija lil JCD huwa ferm anqas minn dan il-limitu massimu (ara l-premessa 245) skont l-istimi tal-awtoritajiet Belġjani. Id-Deċiżjoni SGEI tal-2012 għalhekk se tkun applikabbli fuq din il-bażi.

4.7.4.2. Konformità mar-rekwiżiti

(261) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 (bħal dak tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005) jirrikjedi li "*il-ġestjoni tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali tiġi fdata lill-impriża kkonċernata permezz ta' att wieħed jew aktar, li l-forma tiegħu tista' tiġi ddeterminata minn kull Stat Membru. Dan l-att jew dawn l-atti għandhom jinkludu, b'mod partikolari: […] il-modi ta' rkupru ta' kull kumpens żejjed u l-mezzi sabiex jiġi evitat dan tal-aħħar.*"

(262) Kif spjegat fil-premessa (258), il-Kummissjoni tqis li dan ir-rekwiżit tad-Deċiżjoni SGEI mhuwiex sodisfatt u li l-għajnuna kkonċernata mhijiex kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012.

4.7.5. *Kompatibbiltà tal-għajnuna fuq il-bażi tal-kuntest SGEI tal-2012*

4.7.5.1. Kamp ta' applikazzjoni

(263) Skont il-punt 7 tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għal kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([67]) (minn hawn 'il quddiem "il-Qafas SGEI tal-2012"), *"il-prinċipji stabbiliti f'din il-komunikazzjoni japplikaw għal kumpens ta' servizz pubbliku biss sa fejn dawn tal-aħħar jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat mhux koperta mid-deċiżjoni [SGEI tal-2012]."* Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-għajnuna għandha tiġi analizzata abbażi tal-Qafas SGEI tal-2012.

(264) Skont il-punt 69 tal-Qafas SGEI tal-2012, "[*i*]*l-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stabbiliti f'din il-komunikazzjoni għal għajnuna li ma tkunx skont il-liġi li dwarha tiehu deċiżjoni wara l-31 ta' Jannar 2012 anke jekk l-għajnuna tkun ingħatat qabel din id-data*". Il-Qafas SGEI tal-2012 għalhekk huwa applikabbli mill-bidu tal-konċessjoni Villo.

4.7.5.2. Konformità mar-rekwiżiti

(265) Il-Kummissjoni tivverifika l-kompatibbiltà tal-għajnuna mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Qafas SGEI tal-2012, filwaqt li tqis li skont il-punt 61 tal-qafas, *"il-prinċipji stabbiliti fil-punti 14, 19, 20, 24, 39, 51 sa 59 u 60(a) ma japplikawx għall-għajnuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni [SGEI tal-2012]."* Kif muri hawn fuq (ara l-premessa (260)), l-għajnuna f'dan il-każ tossodisfa dawn il-kundizzjonijiet.

Servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali

(266) Skont il-punt 12 tal-Qafas SGEI tal-2012, *"l-għajnuna mogħtija għandha tkun relatata ma' servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat…"*. Il-Kummissjoni tqis li l-operat tal-ftehim Villo jikkorrispondi għal servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali (ara l-premessi (253)-(254)).

Il-ħtieġa ta' mandat li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens

(267) Skont l-punt 15 tal-Qafas SGEI tal-2012 *"il-ġestjoni tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali tiġi fdata lill-impriża kkonċernata permezz ta' att wieħed jew aktar, li l-forma tiegħu jew tagħhom tista' tiġi ddeterminata minn kull Stat Membru."* Skont il-punt 16, tali att għandu, b'mod partikolari, jispeċifika n-natura u d-durata tal-obbligi ta' servizz pubbliku; l-impriża inkarigata b'dawn l-obbligi u, jekk ikun il-każ, it-territorju kkonċernat; in-natura tad-drittijiet esklussivi jew speċjali kollha mogħtija lill-impriża; id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' kumpens u l-parametri għall-ikkalkular, għall-ikkontrollar u għar-rieżaminar tal-kumpens; il-modalitajiet ta' rkupru ta' kull kumpens żejjed u l-mezzi biex jiġu evitati dan tal-aħħar.

(268) Il-konċessjoni Villo kienet iddefinita bħala konċessjoni ta' servizz pubbliku mill-awtoritajiet Belġjani fil-ftehim Villo. Barra minn hekk, fil-25 ta' Novembru 2010, il-Parlament tar-Reġjun adotta digriet li jirregola l-operat tas-servizz pubbliku ta' Villo.

(269) Il-ftehim Villo jiddefinixxi s-servizz pubbliku bħala " *l-implimentazzjoni ta' sistema awtomatizzata għall-kiri tar-roti għat-territorju kollu tar-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell, bil-kostijiet u bir-riskji tal-konċessjonarju, taħt l-awtorità tal-Gvern u soġġett għall-kondizzjonijiet minimi stabbiliti minnu*". Dan jistabbilixxi l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq l-operatur tal-konċessjoni. Dan l-att għandu jiddeskrivi n-natura, l-ambitu ġeografiku u l-funzjonament tas-servizz. Dan jiddeskrivi wkoll is-sistema ta' tariffi applikabbli għall-utenti tiegħu.

(270) Durata tal-mandat: id-durata tal-konċessjoni ġiet stabbilita għal 15-il sena u ġiet estiża b'sentejn u 4 xhur (ara l-premessa 161) permezz ta' addendum għall-konċessjoni tad-9 ta' Ġunju 2011. Din id-durata hija ġġustifikata permezz tal-importanza tal-investimenti meħtieġa. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li JCD sofriet telf ekonomiku sinifikanti u kisbet biss profitti mill-2016 'il quddiem (ara t-Tabella 1 hawn taħt).

([67]) ĠU C 8, tal-11.1.2012, p. 4.

(271) Parametri ta’ kumpens: il-parametri ta’ kumpens għall-miżuri ta’ għajnuna inkwistjoni (miżuri addizzjonali) huma mfissra b’mod ċar fil-ftehim Villo.

(272) **Verifika tal-assenza ta’ kumpens żejjed**: l-implimentazzjoni ta’ kontroll tan-nuqqas ta’ kumpens żejjed hija kundizzjoni ta’ kompatibbiltà kemm għad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 (ara l-Artikolu 4(e) tagħha) kif ukoll għall-Qafas SGEI tal-2012 (ara l-punt 16(e) tiegħu). Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa 262 li r-rekwiżit tal-Artikolu 4e tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 ma kienx issodisfat f’dan il-każ. Madankollu, jirriżulta mill-kontrolli tal-awditur, b’mod partikolari d-ditta tal-awditjar KPMG, li ma kien hemm l-ebda kumpens żejjed effettiv matul il-perjodu 2009-2017 (ara t-Tabella 1 hawn taħt).

*Tabella 1*

**kontroll tal-assenza ta’ kumpens żejjed**

| | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dħul mir-reklamar: apparati ta' 2 m^2 | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Dħul mill-operat ta' madgards | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Dħul mir-reklamar: apparati ta' 8 m^2 | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Dħul mill-utenti | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Dħul mit-taxxi ta' ritrasferiment 2 m^2 | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Dħul mit-taxxi ta' ritrasferiment 8 m^2 | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Dħul totali (A) | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Tariffi reġjonali | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Klawżola tad-dħul mir-reviżjoni tal-prezzijiet | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Kumpens totali mis-servizz pubbliku (B) | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Taxxi ta' displej | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Kostijiet ta' operat dirett | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Kostijiet ta' ġestjoni | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Deprezzamenti | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Kostijiet totali (C) | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Riżultat ta' operat (D) = (A) + (B) - (C) | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |
| Qligħ (E) = (D) / (C) | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] | [...] |

(273) CCB għamlet diversi osservazzjonijiet dwar il-verifika tal-assenza ta’ kumpens żejjed.

(274) Minn naħa, CCB tqis li l-kostijiet assoċjati mal-installazzjoni u l-operat tal-apparati ta’ reklamar ma jistgħux jitqiesu fil-kalkolu tal-kumpens mogħti lil JCD (ara l-premessa 162). Barra minn hekk, CCB tqis li l-użu liberu tad-dominju pubbliku għal skopijiet ta’ reklamar (li hija tirreferi għalih bħala l-eżenzjoni mit-tariffa għall-okkupazzjoni tad-dominju pubbliku muniċipali) għandu jiġi kkwantifikat b’rabta mal-valur tal-apparati ta’ reklamar (ara l-premessa 165).

(275) Il-Kummissjoni tqis li l-apparati ta’ reklamar għandhom jiġu kkunsidrati għall-kontroll ta’ kumpens żejjed. Hija tagħmel dan billi tqis id-dħul u l-kostijiet effettivament iġġenerati minn dawk l-apparati. M’hemmx bżonn f’dan ir-rigward li ssir referenza għal valutazzjoni tas-superfiċji li *per se* tiddependi fuq id-dħul u l-kostijiet li apparati bħal dawn jistgħu jiġġeneraw (ara t-Tabella 1 hawn fuq). Jekk l-apparati ta’ reklamar għandhom valur ta’ funzjonament ogħla minn dak li huwa neċessarju sabiex jitħallsu l-kostijiet marbuta mal-operat tal-konċessjoni Villo, dan l-iżbilanċ għandu jwassal sabiex jiġi kkonstatat kumpens żejjed.

(276) CCB tikkontesta l-ammont ta’ għajnuna mogħtija b’riżultat tal-eżenzjoni mit-taxxi muniċipali (ara l-premessa 164). JCD identifikat diversi żbalji fil-kalkoli ta’ CCB (ara l-premessa 217). Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li anke meta jiġi kkunsidrat l-ammont ta’ għajnuna ta’ EUR 650 000 fis-sena kif stabbilit minn CCB, il-missjoni pubblika tibqa’ defiċitarja b’mod ġenerali fil-perjodu 2009–2017.

(277) Rigward l-allegazzjoni ta’ CCB li l-kostijiet imġarrba minn JCD fl-operat tal-ftehim Villo huma ferm aktar baxxi minn dawk iddikjarati inizjalment (ara l-premessa 209), huwa biżżejjed li wieħed jinnota li l-kontroll tan-nuqqas ta’ kumpens żejjed huwa bbażat fuq il-kostijiet reali mġarrba minn JCD, u mhux fuq projezzjonijiet jew stimi.

(278) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li JCD ma nghatatx kumpens żejjed għall-forniment tas-servizz ta’ interess ekonomiku ġenerali Vilo bejn l-2009 u l-2017.

(279) Il-Kummissjoni tqis li l-eżistenza ta' mekkaniżmu ta' kontroll tan-nuqqas ta' kumpens żejjed huwa biss neċessarju sabiex l-għajnuna tiġi ddikjarata kompatibbli fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 sa fejn l-Istat huwa responsabbli għall-kontroll tal-assenza ta' kumpens żejjed u kif ukoll biex jiddikjara għajnuna kompatibbli skont il-qafas tal-SGEI tal-2012 fir-rigward tal-miżuri nnotifikati safejn dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ huwa l-bażi li fuqha tibbaża ruħha l-Kummissjoni sabiex teskludi l-possibbiltà ta' kumpens żejjed fil-futur u biex il-Kummissjoni ma twettaqx kontroll *ex post*. Meta l-Kummissjoni tikkontrolla *ex post* li ma jkunx hemm kumpens żejjed, dan il-kriterju formali jitlef l-iskop tiegħu, li huwa li jipprekludi kumpens żejjed potenzjali. Fil-każ ta' kontroll *ex post* mill-Kummissjoni, kull kumpens żejjed ikkonstatat irid jiġi rkuprat irrispettivament minn jekk hemmx kontroll jew le, u min-naħa l-oħra l-assenza ta' kumpens żejjed huwa biżżejjed biex jissodisfa r-rekwiżiti għall-kompatibbiltà tal-Qafas SGEI tal-2012 f'dan ir-rigward.

(280) Fil-fatt, il-Kummissjoni tqis li l-eżistenza ta' kontroll mhux komplut fil-passat mill-Istat Membru fejn ma jkunx hemm kumpens żejjed hija ta' importanza limitata sakemm jintlaħaq l-objettiv ta' din il-kundizzjoni (l-assenza ta' kumpens żejjed). Għandu jiġi nnotat li l-każijiet li fihom il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet negattivi u ordnat l-irkupru tal-kumpens għal servizz pubbliku (fin-nuqqas ta' żball manifest fit-tifsira tas-servizz pubbliku), dan l-irkupru kien jikkonċerna biss il-kumpens żejjed kif ikkalkulat mill-Kummissjoni u dan irrispettivament mill-kwalità tal-kontroll implimentat mill-Istat Membru ([68]). F'dawn il-każijiet kollha, il-kontroll ta' kumpens żejjed mill-Istat Membru kien assenti jew difettuż (u għalhekk ingħata lok għall-eżistenza ta' kumpens żejjed). L-alternattiva kienet tkun, f'sitwazzjoni bħal din, li jintalab l-irkupru tat-totalità tal-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lill-operatur ta' servizz pubbliku, minkejja li din l-impriża kienet forniet is-servizz pubbliku, billi wieħed jibbaża ruħu biss fuq l-assenza ta' mekkaniżmu ta' kontroll sodisfaċenti irrispettivament mill-ammont reali tal-kumpens żejjed.

(281) Approċċ bħal dan jista' anki jwassal, f'termini assoluti, għall-irkupru ta' kull kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil operatur fl-assenza ta' kumpens żejjed. Il-Kummissjoni tqis li tali alternattiva tkun kontra l-prinċipji tat-TFUE, fir-rigward tar-rwoli essenzjali ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 TFUE, li jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji u kundizzjonijiet li jippermettulhom iwettqu l-kompiti tagħhom.

(282) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjoni ta' kontroll tal-assenza ta' kumpens żejjed tista' titqies bħala sodisfatta f'dan il-każ.

Konformità mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE ([69])

(283) Skont il-punt 18 tal-Qafas SGEI tal-2012,"*għajnuna tista' tkun ikkunsidrata kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat biss jekk l-awtorità tikkonforma, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2006/111/KE*".

(284) Fir-rigward tas-separazzjoni tal-kontijiet, kien hemm xi inċertezza dwar il-kontijiet analitiċi ta' JCD marbuta b'mod partikolari mal-mod li bih id-dħul iġġenerat minn kuntratti li huma nnegozjati fuq bażi nazzjonali huwa allokat lill-apparati li jiffurmaw parti mill-konċessjoni Villo (ara l-premessa (184)). Wara l-adozzjoni tat-tieni addendum għall-ftehim Villo (ara t-Taqsima 4.6), l-awditur jivverifika l-prinċipji tas-separazzjoni tal-kontijiet implimentati minn JCD kull sena. Dan il-kontroll twettaq ukoll għall-perjodu kollu (2009-2017) u wara l-ispjegazzjonijiet tal-awtoritajiet Belġjani u ta' JCD (ara l-premessi 196, 214 u 215), il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontabbiltà analitika tal-kostijiet tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/111/KE u li l-kontroll tal-assenza ta' kumpens żejjed (ara t-Tabella 1 hawn fuq) jitwettaq fuq il-bażi ta' separazzjoni ta' kontabbiltà xierqa.

Assenza ta' kumpens żejjed

(285) Skont il-punt 49 tal-Qafas SGEI tal-2012, "*[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li [...] l-impriżi ma jirċevux kumpens li jaqbeż l-ammont determinat skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima* ".

([68]) Ara f'dan il-kuntest, b'mod partikolari, id-deċiżjoni tal-25 ta' Jannar 2012 fil-każ SA.14588 u kif ukoll id-deċiżjoni tal-10 ta' Lulju 2018 fil-każ SA.37977.

([69]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

(286) Kif spjegat fil-premessa 272, JCD ma ngħatatx kumpens żejjed għall-perjodu ta' qabel.

Konklużjoni

(287) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ta' għajnuna mogħtija lil JCD skont il-ftehim Villo huma kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Qafas SGEI tal-2012 għall-perjodu tal-konċessjoni Villo qabel l-adozzjoni tat-tieni addendum, jiġifieri mill-5 ta' Diċembru 2008 sad-29 ta' Marzu 2018.

### 4.8. **Valutazzjoni tal-miżuri wara t-tieni addendum**

#### 4.8.1. *Għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE*

(288) Peress li t-tieni addendum ma jbiddilx il-miżuri mogħtija lill-JCD fl-ambitu tal-konvenzjoni Villo, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat (ara l-premessi 229 sa 249) ma tinbidilx.

#### 4.8.2. *Kompatibbiltà tal-għajnuna fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012*

(289) It-tieni addendum jikkoreġi n-nuqqasijiet identifikati tal-mandat preċedenti (ara l-premessa 262) billi jintroduċi deskrizzjoni ċara u espliċita tal-arranġamenti ta' rkupru ta' kull kumpens żejjed u tal-mezzi biex jiġi evitat dan tal-aħħar.

(290) L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 jirrikjedi li "*l-Istati Membri jiżguraw li […] l-impriża ma tirċevix kumpens li jaqbeż l-ammont determinat skont l-Artikolu 5 [ammont ta' kumpens li ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-kostijiet netti mġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, inkluż qligħ raġonevoli]. Huma jipprovdu l-elementi ta' prova lill-Kummissjoni, fuq it-talba tagħha. Huma jwettqu kontrolli regolari, jew jiżguraw li t-tali kontrolli jsiru, tal-anqas kull tliet snin matul il-perjodu tal-mandat u fl-aħħar ta' dak il-perjodu.*"

(291) L-Artikolu 6 jeħtieġ ukoll li "*meta impriża tkun irċeviet kumpens li jmur lil hinn mill-ammont determinat skont l-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-impriża kkonċernata tħallas lura kull kumpens żejjed li tkun irċeviet.*"

(292) It-tieni addendum jistipula li reviżur għandu jivverifika kull sena li l-ammont ta' kumpens ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ għat-twettiq tas-servizz pubbliku, inkluż qligħ raġonevoli. Meta jinqabeż il-limitu massimu u fil-limiti ta' kemm jista' jinqabeż il-limitu massimu, l-ammont tal-qabża jiġi mħallas b'mod retroattiv minn JCD (ara l-premessa 225).

(293) Għall-motivi esposti fil-premessi (289) sa (292), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ta' għajnuna mogħtija lil JCD fl-ambitu tal-ftehim Villo huma kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 mill-adozzjoni tat-tieni addendum.

(294) Ta' min jinnota li dan il-kontroll huwa bbażat fuq tqabbil ta' qligħ fuq il-kostijiet b'marġni ta' referenza ta' [10-20] % li jikkorrispondi għal marġni standard fuq id-dħul ta' [10-20] % meqjus bħala raġonevoli fuq il-bażi ta' kummerċ ma' CCB u JCD ([70]). Il-marġni fuq il-kostijiet kien preferut mill-marġni fuq id-dħul biex jitqies il-kummentarju ta' CCB (ara l-premessa 213).

## 5. **IRKUPRU TA' GĦAJNUNA INKOMPATIBBLI MARBUTA MAL-PARTI TAL-APPARATI TA' REKLAMAR TAL-KUNTRATT TAL-1984**

(295) Skont it-TFUE, il-Kummissjoni hija kompetenti, meta ssib li l-għajnuna hija inkompatibbli mas-suq intern, sabiex tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat irid jabolixxi jew ibiddel l-għajnuna ([71]). Bl-istess mod, il-qrati tal-Unjoni Ewropea ddeċidew, b'mod konsistenti, li l-obbligu ta' Stat Membru li jabolixxi għajnuna kkunsidrata mill-Kummissjoni bħala mhux kompatibbli mas-suq intern, huwa maħsub sabiex terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni preċedenti ([72]).

([70]) Ara l-premessa (109) tad-deċiżjoni tal-ftuħ.
([71]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 1973, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, C-70/72, ECLI:EU:C:1973:87, il-punt 13.
([72]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1990, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, C-142/87, ECLI:EU:C:1999:125, il-punt 66.

(296) F'dak il-kuntest, il-qrati tal-Unjoni sabu li dan l-objettiv jintlaħaq meta l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti tal-għajnuna mogħtija illegalment. B'din ir-rifużjoni, il-benefiċjarju jitlef il-vantaġġ li kien igawdi fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq intern, u tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kien hemm qabel il-ħlas tal-għajnuna ([73]).

(297) F'konformità ma' din il-ġurisprudenza, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589 jipprevedi li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju tagħha".

(298) Għaldaqstant, peress li l-miżuri inkwistjoni ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE u huma meqjusa bħala inkompatibbli mas-suq intern, huma għandhom jiġu rkuprati sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel l-għoti tagħhom. L-irkupru għandu jkopri l-perjodu mill-mument li fih l-għajnuna tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru attwali tagħha, skont il-metodoloġija stabbilità fil-premessi 131-141. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom jinkludu l-imgħaxijiet sal-irkupru effettiv tagħhom.

## 6. **SOMMARJU TAL-KONKLUŻJONIJIET**

### 6.1. **Il-parti tal-apparati ta' reklamar tal-kuntratt tal-1984**

(299) Il-Kummissjoni tqis li, fir-rigward tal-operat ta' uħud mill-apparati ta' reklamar minn JCD installati skont il-kuntratt tal-1984 fit-territorju tal-Belt ta' Brussell u miżmuma wara d-data ta' tneħħija prevista fl-Anness 10 tal-kuntratt tal-1999 mingħajr ħlas ta' kera jew taxxa, il-kriterji kumulattivi tal-għajnuna mill-Istat huma ssodisfati u, għaldaqstant, dik il-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(300) Rigward il-legalità tal-miżura ta' għajnuna, il-Kummissjoni ssib li l-miżura msemmija f'din il-parti tal-ilment, li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Artikolu 107(1) TFUE, ma ġietx innotifikata f'konformità mal-Artikolu 108(3) TFUE u ġiet eżegwita. Hija tikkostitwixxi għalhekk għajnuna illegali.

(301) Il-Kummissjoni tqis ukoll li din l-għajnuna hija inkompatibbli mas-suq intern u għalhekk għandha tkun suġġetta għal irkupru tal-għajnuna, inklużi l-kapital u l-imgħax, f'konformità mal-ġurisprudenza "CELF" tal-Qorti tal-Ġustizzja ([74]).

### 6.2. **Volet Villo!**

(302) Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri previsti fil-ftehim Villo jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(303) Madankollu, il-miżuri previsti fil-ftehim Villo huma kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) TFUE.

(304) Fir-rigward tal-perjodu li jibda jiddekorri mill-bidu tal-Konċessjoni tal-5 ta' Diċembru 2008 sal-firma tat-tieni addendum (ara t-Taqsima 4.6) tad-29 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri previsti fil-ftehim Villo jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Qafas SGEI tal-2012 (ara t-Taqsima 4.7). Għalhekk, dawn ma għandhomx iwasslu għal irkupru, minkejja li jikkostitwixxu għajnuna illegali peress li ma ġewx innotifikati f'konformità mal-Artikolu 108(3) TFUE.

(305) Fir-rigward tal-perjodu li jibda jiddekorri mid-data tal-iffirmar tat-tieni addendum sa tmiem il-Konċessjoni tas-16 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 huma ssodisfati, bla ħsara għall-konformità stretta mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-addendum (ara t-Taqsima 4.8).

([73]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ġunju 1999, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, C-75/97, ECLI:EU:C:1999:311, il-punti 64 u 65.
([74]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Frar 2008, *CELF et ministre de le Culture and de la Communication ("CELF I")*, C-199/06, ECLI:EU:C:2009:79.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat favur JCD ta' ammont li jikkorrispondi għall-kiri u t-taxxi mhux imħallsa fuq l-apparati ta' reklamar installati skont il-kuntratt tal-1984 fit-territorju tal-Belt ta' Brussell u miżmuma wara d-data tat-tneħħija prevista fl-Anness 10 tal-kuntratt tal-1999, mogħtija illegalment bejn il-15 ta' Settembru 2001 u l-21 ta' Awwissu 2010 mill-Belġju bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija inkompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 2*

(1) Il-Belġju huwa obbligat li jiġbor lura l-għajnuna msemmija fl-ewwel artikolu mingħand il-benefiċjarju.

(2) L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati jagħtu lok għal imgħaxijiet mid-data li fiha l-għajnuniet tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sakemm jiġu effettivament irkuprati.

(3) L-imgħaxijiet għandhom ikunu kkalkulati fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([75]).

*Artikolu 3*

(1) L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 huwa immedjat u effettiv.

(2) Il-Belġju għandu jiżgura li din id-deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 4*

(1) Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-deċiżjoni, il-Belġju għandu jinnotifika l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (kapital u imgħax) li għandu jiġi rkuprat mill-benefiċjarju;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda u dawk ippjanati sabiex jikkonforma ma' din id-deċiżjoni;

(c) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna.

(2) Il-Belġju għandu jżomm lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda biex tiġi implimentata din id-deċiżjoni sakemm l-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-ewwel artikolu ikun komplut. Huwa għandu jressaq minnufih, fuq talba tal-Kummissjoni, kull informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati sabiex ikun konformi ma' din id-deċiżjoni. Huwa għandu jibgħat ukoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u l-imgħaxijiet diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarju.

*Artikolu 5*

(1) Il-miżuri previsti fil-ftehim Villo jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(2) Fir-rigward tal-perijodu li jibda jiddekorri mill-5 ta' Diċembru 2008, id-data tal-iffirmar tal-ftehim Villo, sad-29 ta' Marzu 2018, id-data li fiha ġie ffirmat it-tieni addendum addizzjonali għall-ftehim Villo, il-miżuri previsti fil-ftehim Villo jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Qafas SGEI tal-2012 ([76]) u huma kompatibbli mas-suq intern. Din l-għajnuna hija illegali peress li ma ġietx innotifikata f'konformità mal-Artikolu 108(3) TFUE.

([75]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([76]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat għall-kumpens mogħti għall-provvista ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4).

(3) Fir-rigward tal-perjodu li jibda jiddekorri mid-29 ta' Marzu 2018, data tal-iffirmar tat-tieni addendum, sas-26 ta' Settembru 2026, it-tmiem tal-Konċessjoni, il-miżuri previsti fil-ftehim Villo jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni SGEI tal-2012 ([77]) u huma kompatibbli mas-suq intern, bla ħsara għall-konformità stretta mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan it-tieni addendum għall-ftehim Villo.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2019.

*Għall-Kummissjoni*
Margrethe VESTAGER
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([77]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna mill-Istat taħt forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi mogħtija lil uħud mill-impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1198 tat-12 ta' Lulju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 189 tal-15 ta' Lulju 2019)*

F'paġna 52, fil-punt (a) tal-Artikolu 2,

*minflok:* "hu ma esportax il-prodott deskritt fil-paragrafu 1 lejn l-Unjoni fil-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2010 u t-30 ta' Settembru 2011 (il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali,)",

*aqra:* "hu ma esportax il-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1) lejn l-Unjoni fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 (il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali),".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT